II

(Atti mhux leġiżlattivi)

DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tad-19 ta' Settembru 2012

Dwar il-miżuri favur *ELAN* d.o.o. SA.26379 (C 13/10) (*ex* NN 17/10) implimentati mis-Slovenja

(notifikata bid-dokument C(2012) 6345)

(It-test bis-Sloven biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2014/273/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) tiegħu,

Wara li stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom skont id-dispożizzjoni msemmija hawn fuq ([1]),

Billi:

1. **PROĊEDURA**

(1) Fl-10 ta' Lulju 2008, *Marker Völkl International GmbH* (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-kwerelant"), produttur Ġermaniż tal-iskis, irreġistra ilment li jallega li s-Slovenja kienet tat għajnuna statali lill-kumpanija *Elan d.o.o.* (minn hawn 'il quddiem imsejħa "*Elan*"; fid-data tal-ilment kienet magħrufa bħala *Skimar d.o.o.*). Il-Kummissjoni baġtet numru ta' talbiet għal informazzjoni lis-Slovenja, li għalihom is-Slovenja wieġbet b'ittri datati l-14 ta' Ottubru 2008, it-30 ta' Jannar 2010 u t-22 ta' Frar 2010. F'Novembru 2009, il-Kummissjoni baġtet ukoll talba għal informazzjoni lill-kwerelant, li wieġeb fil-5 ta' Marzu 2010.

(2) Permezz ta' ittra datata t-12 ta' Mejju 2010, il-Kummissjoni infurmat lis-Slovenja li kienet iddeċidiet li tibda l-proċedura stabbilita fl-Artikolu 108(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-għajnuna.

(3) Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tibda l-proċedura ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. ([2]) Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jissottomettu l-kummenti tagħhom fuq il-miżuri. Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment mingħand partijiet terzi interessati.

(4) Wara d-Deċiżjoni tal-ftuħ, is-Slovenja ssottomettiet aktar informazzjoni permezz ta' ittri datati d-9, l-10 u s-16 ta' Ġunju 2010 (din tal-aħħar b'annessi datati s-26 ta' Mejju, it-28 ta' Mejju, il-31 ta' Mejju, it-2 ta' Ġunju u l-14 ta' Ġunju 2010). Fis-16 ta' Awwissu 2011, il-Kummissjoni baġtet talba għal informazzjoni lill-awtoritajiet Sloveni,

([1]) ĠU C 223, 18.8.2010, p. 8.
([2]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.

li għaliha wieġbu permezz ta' ittra tal-10 ta' Ottubru 2011. Bosta annessi ma' dik l-ittra kienu sottomessi fil-11 ta' Ottubru 2011. Wara laqgħa bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u rappreżentanti tal-kumpanija, is-Slovenja ppreżentat informazzjoni addizzjonali permezz ta' ittri datati s-6 ta' Marzu, it-30 ta' Marzu, it-13 ta' April, is-16 ta' April, it-23 ta' April, l-10 ta' Mejju, il-15 ta' Mejju u t-30 ta' Mejju 2012.

2. DESKRIZZJONI TAL-GĦAJNUNA

2.1. IL-BENEFIĊJARJU

(5) *Elan*, kumpanija b'responsabbiltà limitata hija attiva fil-produzzjoni ta' tagħmir għall-iskijjar u opri tal-baħar bħal jottijiet. Il-kumpanija tinsab f'Begunje na Gorenjskem, is-Slovenja, li fit-totalità tagħha hija eliġibbli għall-għajnuna reġjonali skont l-Artikolu 107(3)(a) TFUE. ([3]) Fil-preżent, *Elan* timpjega madwar 460 membru tal-persunal u għandha żewġ diviżjonijiet prinċipali: diviżjoni tal-isport tax-xitwa u diviżjoni tal-baħar. Il-kumpanija għandha sussidjarja waħda biss fis-Slovenja, *Elan Inventa d.o.o.* (tagħmir tal-isports), kif ukoll bosta kumpaniji kummerċjali f'pajjiżi oħra.

(6) Sa Ġunju 2010, u meta seħħew il-miżuri li qed jiġu eżaminati, *Elan* kienet organizzata b'mod differenti. Din kienet tikkonsisti mill-kumpanija ewlenija *Elan* li kellha ishma f'erba' sussidjarji:

— *Elan d.o.o.* (minn hawn 'il quddiem imsejħa *Elan Winter sport*), li fiha kienu jiġu organizzati l-attivitajiet tal-isport tax-xitwa tal-*Elan*. *Elan Winter sport* kienet iżżomm min-naħa tagħha l-ishma f'diversi kumpaniji ta' kummerċ.

— *Elan Marine* d.o.o. (minn hawn 'il quddiem "*Elan Marine*"), li fiha kienu jiġu organizzati l-attivitajiet tal-baħar tal-*Elan*. *Elan Marine* min-naħa tagħha kellha ishma f'bosta sussidjarji bħal 100 % f'*Elan PBO*, 100 % f'*Elan Marine Charter* u 100 % f'*Elan Yachting d.o.o.*

— *Elan Inventa d.o.o.* (diviżjoni tat-tagħmir tal-isport).

— *Marine Nova d.o.o.* (kumpanija mhux ekonomika).

(7) *Elan* hija proprjetà tal-Istat. Bħalissa, 66,4 % tal-ishma tagħha huma miżmuma minn *Posebna družba za podjetniško svetovanje, d.d.* (minn hawn 'il quddiem imsejħa "*PDP*"), kumpanija azzjonarja finanzjarja proprjetà ta' tliet fondi tal-Istat. Ħamsa u għoxrin fil-mja oħra tal-ishma f'*Elan* huma miżmuma minn *Triglav Naložbe, finančna družba, d.d.* (minn hawn 'il quddiem imsejħa "*Triglav Naložbe*"), kumpanija finanzjarja għal kumpanija tal-assigurazzjoni prinċipalment proprjetà tal-Istat. It-8,6 % li jifdal huma miżmuma minn *Prvi pokojninski sklad*, li huwa fond tal-pensjoni tal-Istat (ara l-Punt 2.2 għal deskrizzjoni dettaljata tal-azzjonisti ta' *Elan*). Meta kienu ttieħdu l-miżuri taħt investigazzjoni, *Elan* kien ukoll prinċipalment proprjetà tal-Istat. L-istruttura ta' azzjonisti tagħha, madankollu, kien kemxejn differenti (ara wkoll il-Punt 2.2).

(8) Fir-rigward tas-sitwazzjoni finanzjarja ta' *Elan*, wara sena iebsa fl-2004, il-kumpanija għamlet profitt fl-2005 u fl-2006 u d-dħul kien qed jikber. Kien fl-2007 meta s-sitwazzjoni tal-kumpanija bdiet sejra lura, li wassal għal tnaqqis fid-dħul u telf nett fis-snin 2007-2008. Evalwazzjoni aktar dettaljata tal-qagħda finanzjarja ta' *Elan* hija pprovduta fil-premessi minn (68) sa (74).

(9) Bħalissa, *Elan* tinsab fil-proċess ta' privatizzazzjoni. L-azzjonist ewlieni *PDP* qed tippjana li tbiegħ is-sehem tagħha fil-kumpanija u bħalissa qed tinnegozja mal-offerenti potenzjali.

2.2. L-AZZJONISTI TAL-BENEFIĊJARJU BĦALISSA U META KIENU MOGĦTIJA L-MIŻURI

(10) Peress li l-istruttura tas-sjieda kif ukoll l-identità tas-sidien tal-*Elan* u l-governanza korporattiva tagħhom hija rilevanti għall-kwistjoni dwar jekk il-miżuri favur *Elan* jikkonsistux f'riżorsi tal-Istat u humiex imputabbli għall-Istat, f'dan li ġej, se tiġi pprovduta deskrizzjoni qasira ta' kull proprjetarju, segwita minn ħarsa ġenerali tal-ishma f'*Elan* miżmuma minn kull wieħed minnhom matul iż-żmien. Għandu jiġi nnutat li l-istruttura tas-sjieda ta' *Elan* inbidlet bejn iż-żmien tal-ewwel injezzjoni ta' kapital fl-2007 (Miżura 1) u t-tieni injezzjoni ta' kapital fl-2008 (Miżura 2) u li komplew iseħħu iktar kambjamenti minn dak iż-żmien. Id-dettalji huma pprovduti hawn taħt (ara l-premessi minn (19) sa (22)).

([3]) Linji gwida dwar l-għajnuna reġjonali nazzjonali għall-2007-2013, ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.

2.2.1. **Deskrizzjoni tal-azzjonisti ta' Elan**

KAD

(11) *Kapitalska družba pokojninskega in invalidskega zavarovanja, d.d.* (minn hawn 'il quddiem imsejħa "*KAD*") hija kumpanija azzjonarja li l-uniku azzjonist tagħha hija s-Slovenja. *KAD* tamministra fondi ta' pensjonijiet u assi tal-Istat għas-Slovenja. Hija responsabbli wkoll għall-privatizzazzjoni ta' assi proprjetà tal-Istat. *KAD* hija soġġetta għall-Att tal-Kumpaniji Sloven ("*ZGD-1, Zakon o gospodarskih družbah*"). Għaldaqstant, *KAD* għandha assemblea, bord superviżorju u bord ta' ġestjoni. Il-Gvern Sloven jaħtar il-15-il membru tal-assemblea (li ħamsa minnhom jirrappreżentaw pensjonanti u ħaddiema b'diżabilità, ħamsa jirrappreżentaw lil min jimpjega u persuni assigurati u ħamsa jirrappreżentaw il-Gvern Sloven) u d-disa' membri kollha tal-bord ta' sorveljanza. Ir-rappreżentanti tal-gvern huma mistiedna għal-laqgħat tal-assemblea.

KAD-PPS

(12) *Prvi pokojninski sklad* huwa l-Fond tal-Ewwel Pensjoni tar-Repubblika tas-Slovenja, li jfisser li huwa 100 % proprjetà tal-Istat. *KAD* qed tmexxi dan il-fond ta' pensjoni, u tikkontrolla wkoll is-sehem li *PPS* għandha f'*Elan (minn hawn 'il quddiem imsejħa "KAD-PPS").*

DSU

(13) *Družba za svetovanje f'upravljanje, d.o.o.* (minn hawn 'il quddiem imsejħa "*DSU*") hija kumpanija ta' ġestjoni u ta' konsulenza ta' responsabbiltà limitata li hija 100 % proprjetà tal-Istat. Hija responsabbli wkoll, *inter alia*, għall-privatizzazzjoni ta' assi proprjetà tal-Istat. *DSU* għandha kunsill ta' sorveljanza, li jikkonsisti minn tliet membri. Tnejn huma maħtura mill-gvern Sloven u wieħed jinħatar mill-impjegati tal-kumpanija. Sakemm jinħatar rappreżentant tal-impjegati, is-Slovenja wkoll taħtar ukoll it-tielet membru. Il-kunsill ta' sorveljanza jaħtar direttur tal-kumpanija, li jamministra t-tranżazzjonijiet kummerċjali ta' *DSU*.

Zavarovalnica Triglav

(14) *Zavarovalnica Triglav, d.d.*, (minn hawn 'il quddiem imsejħa "*Zavarovalnica Triglav*") hija kumpanija li toffri kull tip ta' assigurazzjoni tal-ħajja u mhux tal-ħajja, tas-saħħa u tal-inċidenti. Is-67,7 % tal-ishma tagħha huma miżmuma minn kumpaniji li huma direttament jew indirettament fil-maġġoranza proprjetà tal-Istat. Fiż-żmien tal-għoti, l-azzjonisti prinċipali ta'*Zavarovalnica Triglav* kienu: *Zavod za pokojninsko in invalidsko zavarovanje* (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "*ZIPZ*", l-Istitut tal-Assigurazzjoni għall-Pensjoni u d-Diżabbiltà), 100 % proprjetà tal-Istat, li għandha sehem ta' 34,5 % f'*Zavarovalnica Triglav*; *Slovenska odškodninska družba, d.d.* (minn hawn 'il quddiem imsejħa "*SOD*", l-inkorporazzjoni Slovena tal-indennizz), 100 % proprjetà tal-Istat, li għandha sehem ta' 28,1 % f'*Zavarovalnica Triglav*; *NLB, d.d.*, 50 % proprjetà tal-Istat, li għandha sehem ta' 3,1 % f'*Zavarovalnica Triglav* u *HIT d.d.*, 100 % proprjetà tal-Istat, li għandhom sehem ta' 1,1 % f'*Zavarovalnica Triglav*. L-ebda wieħed mill-azzjonisti l-oħra ta' *Zavarovalnica Triglav* ma kellu sehem li kien ogħla minn 1,8 % fil-kumpanija.

(15) *Zavarovalnica Triglav* għandha bord superviżorju li jikkonsisti fi tmien membri u bord ta' ġestjoni. Ħames membri tal-bord superviżorju jirrappreżentaw l-interessi tal-azzjonisti u huma eletti mil-laqgħa ġenerali ta' *Zavarovalnica Triglav*. It-tliet membri l-oħra jirrappreżentaw l-interessi tal-impjegati.

Triglav Naložbe

(16) *Triglav Naložbe* hija kumpanija finanzjarja. Fiż-żmien tat-tieni injezzjoni ta' kapital, 80 % tal-ishma ta' *Triglav Naložbe* kienu proprjetà ta' *Zavarovalnica Triglav*. Dan tal-aħħar huwa min-naħa tiegħu proprjetà fil-maġġoranza tal-Istat (ara l-premessa (14)). Il-kapital li jifdal ta' *Triglav Naložbe* hu mifrux ħafna fost investituri individwali, l-ebda wieħed ma jkollu sehem ogħla minn 0,67 %. *Triglav Naložbe,* għandha bord superviżorju u bord ta' ġestjoni. Il-bord superviżorju huwa magħmul minn tliet membri u huwa maħtur mil-laqgħa ġenerali ta' *Triglav Naložbe*.

PDP

(17) *PDP* hija kumpanija azzjonarja finanzjarja, li ġiet stabbilita f'Ġunju 2009. Hija proprjetà ta' tliet fondi proprjetà tal-Istat, jiġifieri *KAD*, *DSU* u *SOD* u taġixxi bħala kumpanija ta' ristrutturazzjoni f'isem l-Istat Sloven. PDP tista', taħt kuntratt, tieħu f'idejha t-tmexxija tal-intrapriżi proprjetà tal-Istat f'diffikultà, teżerċita d-drittijiet tal-vot kollha, tinstalla bord superviżorju u bord ta' ġestjoni u twettaq miżuri ta' riabilitazzjoni għall-Istat. ([4]) PDP għandha ishma f'diversi kumpaniji Sloveni li qabel kienu proprjeta ta' fondi parastatali ([5]) u qed tfittex investituri strateġiċi għal xi whud minnhom.

KD Kapital

(18) *KD Kapital, finančna družba, d.o.o.* (minn hawn 'il quddiem "*KD Kapital*"), kumpanija attiva fl-investiment kapitali. *Kd Kapital* tappartjeni lill-grupp *Skupina KD* ([6]) u hija ta' sidien privati.

2.2.2. **Ishma miżmuma f'Elan fi żmienijiet differenti**

(19) Fl-2007, meta ngħatat l-ewwel miżura, il-kumpaniji li ġejjin kellhom sehem f'*Elan*: *KAD* (30,48 %), *KAD-PPS* (10,3 %), *DSU* (17,34 %), *Triglav Naložbe* (13,16 %), *Zavarovalnica Triglav* (11,89 %) u *KD Kapital* (16,83 %).

(20) F'April 2008, *KD Kapital* biegħet is-sehem tagħha lil *KAD*. Wara din it-tranżazzjoni, u fiż-żmien tat-tieni injezzjoni ta' kapital, il-kumpaniji li ġejjin kellhom sehem f'*Elan*: *KAD* (47,31 %), *KAD-PPS* (10,3 %), *DSU* (17,34 %), *Triglav Naložbe* (13,16 %) u *Zavarovalnica Triglav* (11,89 %).

(21) Fl-2010, *KAD* u *DSU* vestew l-ishma tagħhom ta' *Elan* fil-kumpanija azzjonarja finanzjarja *PDP*. Illum, *PDP* għandha 66,4 % tal-ishma f'*Elan*. *KAD-PPS* għandha 8,6 % u *Triglav Naložbe* 25 %.

(22) **It-Tabella 1** tipprovdi ħarsa ġenerali tal-ishma miżmuma minn kull azzjonist rispettiv fiż-żmien tal-Miżura 1, il-Miżura 2 u f'Mejju 2012:

Tabella 1

(%)

Entità	Miżura 1 (Jannar 2007)	Miżura 2 (Awwissu 2008)	Mejju 2012
PDP (proprjetà ta' *KAD*,*DSU* u SOD, li min-naħa tagħhom huma proprjetà tal-Istat)	0	0	66,4
KAD (100 % proprjetà tal-Istat)	30,48	47,31	0
KAD-PPS (100 % proprjetà tal-Istat)	10,30	10,30	8,6
DSU (100 % proprjetà tal-Istat)	17,34	17,34	0
Triglav Naložbe (80 % proprjetà ta'*Zavarovalnica Triglav*)	13,16	13,16	25
Zavarovalnica Triglav (proprjetà ta' ZIPZ u SOD, li min-naħa tagħhom huma proprjetà tal-Istat)	11,89	11,89	0
Kd Kapital (kumpanija privata)	16,83	0	0
Sjieda totali mill-Istat	**83,17**	**100**	**100**

([4]) "Structural Adjustments 2010 and 2011", il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja, Ottubru 2009, p. 12, fuq: http://www.svrez.gov.si/fileadmin/svez.gov.si/pageuploads/docs/strukturne_prilagoditve/Structural_adjustmements_SLO_EN.pdf

([5]) F'Diċembru 2009 PDP kellha ishma ta' 10 kumpaniji Sloveni li qabel kienu proprjetà ta' KAD, SOD u DSU; cf. "Who we are" — preżentazzjoni fuq powerpoint tal-PDP ippreżentata mill-awtoritajiet Sloveni..

([6]) http://www.kd-group.com/en/index.php.

2.3. DESKRIZZJONI TAL-MIŻURI

2.3.1. **L-injezzjoni ta' kapital fl-2007 ("Miżura 1")**

(23) Fl-2006, *Elan* ipprevediet programm ta' investiment ambizzjuż għall-grupp dwar investimenti f'bini, tagħmir u kummerċjalizzazzjoni tal-marka, abbażi ta' pjan ta' żvilupp strateġiku għall-perjodu 2006-2010 (imfassal mill-bord superviżorju ta' *Elan* f'Diċembru 2005). Għas-snin 2006-2007 kienu ppjanati investimenti ta' EUR 20,2 miljun. Sabiex jiġu ffinanzjati dawk l-investimenti, *Elan* ipproponiet żieda fil-kapital ta' EUR 20,2 miljun lill-azzjonisti tagħha. Sadanittant, matul l-2006, *Elan* bdiet tixtri tagħmir tal-produzzjoni ġdid, li kien previst ukoll bil-pjan ta' żvilupp strateġiku.

(24) Fid-29 ta' Jannar 2007, *Elan* u l-azzjonisti ta' *Elan* iffirmaw ittra ta' intenzjoni, li fiha qablu li l-azzjonisti jinjettaw EUR 10,225 miljun f'*Elan* (madwar nofs l-EUR 20,2 miljun previst fil-pjan ta' żvilupp strateġiku 2006-2010). Kull azzjonist qabel li jipparteċipa fiż-żieda fil-kapital skont il-proporzjon tas-sehem tiegħu f'*Elan*. Id-deċiżjoni ttieħdet abbażi ta' valutazzjoni tal-kumpanija mill-konsulenza indipendenti […] (*) u diversi dokumenti oħra abbozzati minn *Elan* innifisha kif ukoll minn *KAD*, l-azzjonist maġġoritarju ta' *Elan*. […] sar kalkolu tal-valur ġust tal-kumpanija fuq il-bażi tal-medja tal-kalkolu (għal kull diviżjoni) ta' (i) il-proporzjon tal-prezz/ftehimiet b'parametru referenzjarju tal-medju ponderat tan-negozjar magħmul riċentement, (ii) il-proporzjonijiet tal-prezz/qligħ ta' kumpaniji applikabbli fl-2005 u (iii) seba' darbiet il-valur tal-EBITDA inkluż 25 % tal-potenzjal ta' ffrankar stmat. Minn din il-medja, id-djun bl-imgħax ta' terminu qasir u nofs l-investimenti identifikati li ma setgħux jiġu ffinanzjati mill-flus tal-flus preżunt kienu mnaqqsa. Il-kalkolu b'leħħa ta' *KAD* tal-valur ta' *Elan* ġie elaborat fuq il-bażi tal-metodu tal-fluss tal-flus skontat, bl-użu ta' projezzjonijiet tan-negozju pprovduti minn *Elan* lill-bord ta' sorveljanza tagħha.

(25) Qabel dan, f'Mejju 2006, *Elan* kienet informat l-azzjonisti tagħha li, għalkemm kienet qed tpoġġi l-flussi tal-flus ħielsa kollha f'investimenti previsti fil-pjan ta' żvilupp Strateġiku 2006-2010, kapital addizzjonali jkun meħtieġ biex jiġu realizzati l-investimenti neċessarji. ([7]) F'dan li ġej, f'Novembru 2006, *Elan* ippreparat analiżi aktar dettaljata tal-effetti ta' żieda fil-kapital, ([8]) skont liema l-investimenti jwasslu għal profitt nett kumulattiv għad-diviżjoni tal-isport tax-xitwa ta' EUR 15,4 miljun matul il-perjodu 2006-2010, meta mqabbel ma' telf nett kumulattiv mingħajr iż-żieda fil-kapital ta' EUR 4,8 miljun. Barra minn hekk il-profitt nett kumulattiv tad-diviżjoni tal-baħar għall-perjodu 2006-2010 tkun ogħla kieku ż-żieda fil-kapital saret (EUR 14,9 miljun meta mqabbel ma' EUR 8 miljun). Fl-istess ħin, l-azzjonist maġġoritarju ta' *Elan KAD* stima l-valur tal-grupp li jkun EUR 22,8 miljun. Il-bordijiet superviżorji tal-azzjonisti *KAD*, *DSU*, *Zavarovalnica Triglav* u *Triglav Naložbe* approvaw l-injezzjoni ta' kapital sa minn Diċembru 2006 u Jannar 2007 rispettivament.

(26) Formalment, iż-żieda fil-kapital ġiet ikkonfermata waqt l-assemblea tal-azzjonisti tal-25 ta' Ottubru 2007. Il-ħlasijiet tal-azzjonisti ġew imwettqa fil-15 ta' Novembru 2007 proporzjonalment mas-sehem ta' sjieda tal-azzjonist rispettiv. L-EUR 10,225 miljun ġew injettati f'*Elan*, li min-naħa tagħha tat self tal-azzjonisti ta' EUR 5,8 miljun lil *Elan Winter sport* u self tal-azzjonisti ta' EUR 4,425 miljun lil *Elan Marine*. Dak is-self tal-azzjonisti aktar tard ġie konvertit f'ekwità f'*Elan Winter sport* u *Elan Marine*. Kif deskritt hawn fuq, *Elan Winter sport* u *Elan Marine* ġew amalgamati fil-kumpanija ewlenija *Elan* f'Ġunju 2010 (ara l-premessa (6)).

(27) Waħda mir-raġunijiet għad-differenza fiż-żmien bejn l-ittra ta' intenzjoni u l-ftehim formali tal-azzjonisti kienet li *KD Kapital*, l-uniku azzjonist privat f'*Elan* f'dak iż-żmien, li kellu minoranza li timblokka, imblokka d-deċiżjoni formali għaż-żieda fil-kapital. Ir-raġuni għall-imblukkar ta' *KD Kapital* kienet tilwima bejn *KAD* u *Kd Kapital* fuq tibdiliet fil-bord superviżorju ta' *Elan*. Kif spjegat mis-Slovenja, *KD Kapital* kienet ukoll azzjonist b'50 % ta' wieħed mill-kompetituri ta' *Elan*, *Seaway Group d.o.o.* u kienet intenzjonata tinstalla rappreżentant ta' *KD Kapital* fil-bord superviżorju ta' *Elan*. *KAD* ikkunsidrat li dan mhux aċċettabbli fid-dawl tal-ishma ta' *KD Kapital* f'*Seaway*. Sabiex tiġi solvuta din il-kwistjoni, fil-bidu ta' Ottubru 2007, *KAD* offriet lil *KD Kapital* opzjoni put, bil-kundizzjoni li *KD Kapital* tivvota favur il-proposta ta' *KAD* rigward it-tilwima dwar il-membri tal-bord superviżorju.

(*) Informazzjoni kunfidenzjali
([7]) Dokument magħmul mill-Bord ta' Ġestjoni ta' *Elan*, datat it-30 ta' Mejju 2006, dwar iż-żieda fil-kapital tal-kumpaniji f'*Elan*.
([8]) Ittra mill-bord ta' ġestjoni ta' *Elan* lil KAD, datata t-30 ta' Novembru 2006.

(28) Wara din l-offerta, *KD Kapital* fl-aħħar qablet li ż-żieda fil-kapital, u kif deskritt hawn fuq, l-azzjonisti ħadu d-deċiżjoni formali f'Ottubru 2007.

2.3.2. **L-injezzjoni ta' kapital fl-2008 ("Miżura 2")**

(29) Minkejja ż-żieda fil-kapital ta' Novembru 2007, l-istaġun ħażin tax-xitwa tal-2007/2008 (affettwat mix-xitwa "ħadra" ta' qabel tal-2006/2007) wassal għal aktar diffikultajiet tal-grupp. *Elan* kien qed jaffaċċa insolvenza fil-bidu tal-2008.

(30) Meta *SKB banka d.d.* irrifjuta li jiffinanzja aktar lil *Elan* fil-bidu tal-2008, *KD Kapital* eżerċizzat l-opzjoni put tagħha f'Marzu 2008, u b'effett minn April 2008. *KAD* xrat l-ishma ta' *KD Kapital* u b'hekk żiedet is-sehem tagħha f'*Elan*. Minn dak iż-żmien, *Elan* saret kompletament kumpanija proprjetà tal-Istat (ara l-premessa (20)).

(31) Biex ilaħħqu mas-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli, l-azzjonisti ta' *Elan* ħatru bord ġdid ta' ġestjoni f'April 2008. Il-maniġment beda taħdidiet mal-banek biex jintlaħaq ftehim fuq l-iskedar mill-ġdid tal-pretensjonijiet tal-banek kontra *Elan* u b'hekk jiġi evitat falliment tal-kumpanija. Il-banek kienu lesti biss li jagħmlu dan bil-kundizzjoni li l-azzjonisti ta' *Elan* jipprovdu kapital addizzjonali lill-kumpanija.

(32) F'dan l-isfond, f'Marzu 2008, *Elan* talbet l-azzjonisti tagħha għal kapital ġdid addizzjonali. Abbażi ta' pjan fit-tul għal *Elan* għall-perjodu 2008-2012, imfassal minn *Elan* f'Ġunju 2008 (minn hawn 'il quddiem "pjan fit-tul 2008-2012"), *Elan* talbet l-azzjonisti tagħha b'mod aktar konkret għal EUR 25 miljun f'Ġunju/Lulju 2008. L-azzjonisti ta' *Elan* ikkunsidraw il-pjan fit-tul 2008-2012 bħala mhux adegwat biex jiġu injettati EUR 25 miljun. L-azzjonisti kienu lesti biss li jinjettaw EUR 10 miljun, u għamlu din iż-żieda fil-kapital kondizzjonali fuq ftehim minn qabel bejn *Elan* u l-banek tagħha biex jiskedaw mill-ġdid id-djun ta' *Elan*. L-azzjonisti ġew mitluba wkoll pjan supplimentari fit-tul għal *Elan*. ([9]) Wara din it-talba, *Elan* ħejjiet pjan ta' Riabilitazzjoni addizzjonali, datat it-8 ta' Awwissu 2008 (minn hawn 'il quddiem "pjan ta' Riabilitazzjoni"). *Elan*, madankollu, ma kinitx kapaċi tilħaq ftehim mal-banek tagħha dwar l-iskedar mill-ġdid tad-dejn. Għall-kuntrarju, wieħed mill-krediturі ta' *Elan*, jiġifieri *SKB banka d.d.*, beda proċedimenti tal-qorti sabiex isaħħaħ il-pretensjonijiet tiegħu u f'Awwissu 2008, il-Qorti ta' Ljubljana nnotifikat lil *Elan* inġunzjoni biex tħallas id-dejn li għandha pendenti. L-infurzar ta' din l-ordni kien iwassal għall-falliment tal-kumpanija.

(33) Fid-dawl ta' dan, *Elan* sejħet għal laqgħa urġenti tal-azzjonisti li saret fit-28 ta' Awwissu 2008. Waqt din il-laqgħa, wara proposta minn *KAD*, l-azzjonisti ta' *Elan* iddeċidew li jinjettaw EUR 10 miljun f'*Elan*, għalkemm il-kundizzjoni li *Elan* tilħaq ftehim mal-banek tagħha dwar l-iskedar mill-ġdid tad-djun ma ntlaħaqx.

(34) Il-bord superviżorju ta' KAD approva l-injezzjoni tal-kapital diġà qabel il-laqgħa tal-azzjonisti f'Awwissu 2008; il-bord superviżorju tal-azzjonisti l-oħra approva d-deċiżjoni li jiġu injettati EUR 10 miljun f'*Elan* mhux aktar tard mill-bidu ta' Settembru 2008.

(35) Il-ħlasijiet tal-azzjonisti saru fit-8 ta' Settembru 2008 proporzjonalment mas-sehem ta' sjieda tal-azzjonist rispettiv. Kif deskritt fil-premessa (6), l-attivitajiet tal-isport tax-xitwa u tal-baħar ta'*Elan*ġew organizzati f'żewġ sussidjarji fiż-żmien tal-għoti, jiġifieri *Elan Winter sport*u*Elan Marine* L-EUR 10 miljun ġew injettati f'*Elan*, li mbagħad qiegħdet EUR 5,924 miljun f'*Elan Winter sport* u EUR 4,076 miljun f'*Elan Marine*

Il-pjan fit-tul 2008-2012

(36) Il-pjan fit-tul 2008-2012, imfassal f'Ġunju 2008 minn *Elan*, kien jiddeskrivi l-ewwel is-sitwazzjoni ekonomika u finanzjarja ta' *Elan group*. Huwa ppropona diversi miżuri ta' ristrutturar fuq il-livell ta' *Elan Winter sport* (aġġustament ta' investimenti f'kumpaniji affiljati, aġġustamenti tal-inventarji u benefiċċji għat-terminazzjoni tal-impjieg) u fuq il-livell ta' *Elan Marine* (aġġustamenti tal-inventarji, benefiċċji tat-terminazzjoni tal-impjieg, tniżżil fil-valur ta' forom tal-baħar). Minbarra dawn il-miżuri ta' ristrutturar, l-azzjonijiet li ġejjin kienu previsti għal *Elan Winter sport*:

— Żieda fil-produttività tal-impjegati; tnaqqis tal-forza tax-xogħol minn 340 għal 230 impjegat;

— Tnaqqis fin-numru ta' trejdmarks;

([9]) Ara l-Minuti tal-laqgħa numru 134 tal-bord superviżorju tal-*KAD*, l-4 ta' Lulju 2008, punt 2 tal-aġenda, taqsima 2.

— Titjib fit-taħlita tal-prodott;

— Riorganizzazzjoni tal-amministrazzjoni.

(37) Għal *Elan Marine*, il-pjan fit-tul 2008-2012 ippreveda l-azzjonijiet li ġejjin:

— Investimenti f'impriża konġunta ġdida, imsejħa *Elan Yachts*, li għandha tkun attiva fil-bejgħ u l-iżvilupp ta' dgħajjes bil-qlugħ;

— Bejgħ tal-programmi tal-jottijiet u tas-setgħa (*Elan PBO*) għal EUR [9,5-11,2] miljun sabiex jitnaqqsu d-djun ta' *Elan Marine*.

(38) Il-pjan fit-tul 2008-2012 imbagħad ipprovda t-tbassir għall-grupp u s-sussidjarji tiegħu, ibbażat fuq is-suppożizzjoni li l-miżuri ta' ristrutturar u l-azzjonijiet deskritti hawn fuq ġew implimentati. Skont dawn il-previżjonijiet, *Elan Winter sport* tkun qed tagħmel qligħ mill-2010 'il quddiem, u *Elan Marine* tkun qed tagħmel qligħ mill-2011 'il quddiem. Il-pjan ikkonkluda li *Elan* kellha bżonn kapital addizzjonali ta' EUR [23-26] miljun sabiex jintlaħqu l-bżonnijiet ta' likwidità tagħha. Kieku ġie provdut tali kapital biss, *Elan* setgħet twassal lura redditi adegwati lill-azzjonisti tagħha.

Il-pjan ta' Riabilitazzjoni

(39) Il-pjan ta' Riabilitazzjoni, imfassal f'Awwissu 2008 minn *Elan*, l-ewwel ppreżenta l-istruttura tal-kumpanija ta' *Elan group* u s-sitwazzjoni finanzjarja u ekonomika ta' *Elan Winter sport* u *Elan Marine*, inkluża analiżi dettaljata tal-obbligazzjonijiet, l-ispejjeż iżda wkoll id-dħul. Imbagħad analizza l-operazzjonijiet ta' *Elan Winter sport* u *Elan Marine* minn Jannar 2008 sa Ġunju 2008. Fl-aħħar nett, il-pjan inkluda parti dwar ir-riabilitazzjoni tal-kumpanija. Skont il-pjan, l-azzjonijiet proposti f'din il-parti setgħu jitwettqu biss kieku kapital ġdid ġie injettat f'*Elan* u d-djun tal-banek ġew skedati mill-ġdid. Il-pjan ta' Riabilitazzjoni, madankollu, ma speċifikax l-ammonti meħtieġa.

(40) Il-pjan ta' Riabilitazzjoni ppreveda l-miżuri li ġejjin għal *Elan Winter sport*:

— […]

(41) Il-miżuri li ġejjin ġew previsti għal *Elan Marine*:

— […]

(42) Il-pjan ta' Riabilitazzjoni mbagħad ipprovda l-projezzjonijiet għas-snin 2008-2012, skont liem *Elan Winter sport* tkun qed tagħmel qligħ mill-2010 u *Elan Marine* tkun qed tagħmel qligħ mill-2011 'il quddiem.

3. **RAĠUNIJIET GĦALL-BIDU TAL-PROĊEDURA**

(43) Kif deskritt hawn fuq fil-premessi (2)-(3), fit-12 ta' Mejju 2010 il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali ("id-deċiżjoni ta' ftuħ"). F'din id-deċiżjoni ta' ftuħ, il-Kummissjoni kkunsidrat fuq bażi preliminari li ż-żewġ injezzjonijiet ta' kapital kienu jinvolvu għajnuna mill-Istat favur *Elan Ski* u *Elan Marine*. Hija esprimiet dubji dwar jekk din l-għajnuna mill-Istat tistax tiġi kkunsidrata kompatibbli mas-Suq Intern. Bħala punt preliminari, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-benefiċjarji kienux kumpaniji f'diffikultà.

3.1. KUMPANIJA F'DIFFIKULTÀ

(44) Il-Punt 10 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar jistabbilixxi ċerti ċirkostanzi li taħthom kumpanija tista' tiġi preżunta li hi f'diffikultajiet, bħal tnaqqis sinifikanti fil-kapital. Fid-deċiżjoni ta' ftuħ, kien ikkunsidrat li *Elan Ski* u *Elan Marine* ma jissodisfawx il-kriterji tal-Punt 10 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar. Madankollu, skont il-Punt 11 tal-Linji Gwida, kumpanija xorta tista' titqies bħala waħda f'diffikultà fejn is-sinjali tas-soltu ta' kumpanija li tkun f'diffikultà huma preżenti. Fid-dawl taż-żieda fit-telf, it-tnaqqis fid-dħul u s-sitwazzjoni finanzjarja diffiċli tal-grupp ta' *Elan* b'mod ġenerali, il-Kummissjoni kkunsidrat li *Elan Ski* u *Elan Marine* jistgħu jitqiesu bħala kumpaniji f'diffikultà mill-inqas fis-snin 2007 u 2008.

3.2. L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

(45) L-ewwel nett, il-Kummissjoni evalwat jekk il-miżuri joriġinawx minn riżorsi tal-Istat u jekk dawn humiex imputabbli lill-Istat. Fid-dawl tal-fatt li *KAD* hija 100 % proprjetà tas-Slovenja, li s-Slovenja taħtar il-membri kollha tal-assemblea u tal-bord superviżorju, u li r-rappreżentanti tal-gvern Sloven jipparteċipaw f'kull assemblea u fil-laqgħat tal-bord superviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod preliminari li l-miżuri li ħadet *KAD* jirriżultaw

minn riżorsi tal-Istat u huma attribwibbli lill-Istat. Dwar il-miżuri mogħtija mis-sidien l-oħra ta' *Elan*, li huma, *KAD-PPS*, *DSU*, *Triglav Naložbe* u *Triglav Insurance*, il-Kummissjoni kkonkludiet li kellu jiġi vverifikat waqt il-proċedura ta' investigazzjoni formali jekk huma wkoll tnisslux minn riżorsi tal-Istat u kienux imputabbli lill-Istat.

(46) It-tieni nett, il-Kummissjoni eżaminat jekk il-miżuri mogħtija jikkostitwixxux vantaġġ lill-benefiċjarji. Kien hemm dubji dwar jekk il-miżuri jissodisfawx it-test ta' investitur f'ekonomija tas-suq. Fl-ewwel miżura, l-uniku azzjonist privat f'*Elan*, *KD Kapital*, ma riedx jieħu sehem. Jidher li l-miżura ma kinitx ibbażata fuq pjan tan-negozju jew informazzjoni oħra fuq il-qligħ potenzjali fuq l-investiment fil-ġejjieni. Meta saret l-injezzjoni tal-kapital, il-benefiċjarji dehru li kienu f'diffikultajiet finanzjarji. Fit-tieni miżura, l-ebda kumpanija privata ma ħadet sehem. Filwaqt li huwa veru li pjan għal perjodu fit-tul u pjan ta' Riabilitazzjoni ġew stabbiliti qabel l-azzjonisti ddeċidew dwar l-injezzjoni ta' kapital, kien hemm indikazzjonijiet li l-azzjonisti ta' *Elan* kkunsidraw dawk il-pjanijiet bħala mhux adegwati. Meta ngħatat it-tieni miżura, *Elan Ski* u *Elan Marine* kienu għadhom qed jaffaċċjaw diffikultajiet finanzjarji.

(47) It-tielet nett, il-Kummissjoni kkunsidrat li l-miżuri meħuda mis-Slovenja aktarx ifixklu l-kompetizzjoni u jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri, kif hemm kummerċ bejn l-Istati Membri f'tagħmir għall-iskijjar u opri talbaħar.

3.3. KOMPATIBILITÀ TAL-GĦAJNUNA

(48) Il-Kummissjoni b'mod preliminari vvalutat jekk il-miżuri kienux kumpatibbli taħt il-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturar. Fid-dawl tad-diffikultajiet tagħhom, u fin-nuqqas ta' kumpaniji b'saħħithom oħra fil-grupp, *Elan Ski* u *Elan Marine* fil-prinċipju huma eliġibbli għall-għajnuna ta' salvataġġ u ta' ristrutturar. Peress li l-miżuri mogħtija ħadu l-forma ta' żieda fil-kapital, ma setgħux jitqiesu bħala għajnuna ta' salvataġġ. Rigward il-kompatibilità tagħhom bħala għajnuna għar-ristrutturar, ma kienx ċar jekk il-kundizzjonijiet rispettivi ġewx sodisfatti kollha. B'mod partikolari, ma kienx ċar jekk l-għajnuna kinitx limitata għall-minimu neċessarju u ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' kontribuzzjoni tagħhom stess u ta' miżuri kompensatorji.

(49) Kien ukoll eżaminat b'mod preliminari jekk il-miżuri jistgħux ikunu għajnuna reġjonali kompatibbli. Filwaqt li ż-żewġ benefiċjarji jinsabu f'reġjun eliġibbli għall-għajnuna taħt l-Artikolu 107(3)(a) TFUE, ma kienx ċar, jekk humiex eliġibbli għal din l-għajnuna, peress li ż-żewġ benefiċjarji kienu f'diffikultà fil-mument tal-għotja.

4. **KUMMENTI MIS-SLOVENJA**

(50) Is-Slovenja ressqet il-kummenti tagħha b'ittri datati d-9, l-10 u s-16 ta' Ġunju 2010. Informazzjoni addizzjonali ntbagħtet fl-10 ta' Ottubru 2011 u permezz tal-ittri datati s-6 ta' Marzu, it-30 ta' Marzu, it-13 ta' April, is-16 ta' April, it-23 ta' April, l-10 ta' Mejju, il-15 ta' Mejju u t-30 ta' Mejju 2012 (ara l-premessa (4)).

(51) Fil-qosor, skont is-Slovenja l-miżuri ma jinvolvux għajnuna mill-Istat, peress li ma jirriżultawx minn riżorsi tal-Istat u mhumiex imputabbli lill-Istat. Anke jekk jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti, il-miżuri ma jagħtux vantaġġ lill-benefiċjarju, peress li s-Slovenja aġixxiet skont il-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq. Barra minn hekk, is-Slovenja tippreżenta li l-miżuri ma kinux jaffettwaw il-kummerċ u lanqas jgħawwġu l-kompetizzjoni minħabba li, skont is-Slovenja, is-suq tat-tagħmir tal-isports tax-xitwa huwa ferm konsolidat ma' xejra ta' aktar konsolidazzjoni u li *Elan* kienet biss u kompetitur dgħajjef lil operaturi ferm akbar f'dak is-suq.

(52) Is-Slovenja ma tressaq l-ebda argument 'il quddiem fir-rigward il-kompatibbiltà potenzjali tal-Miżura 1 mas-suq Intern, kieku l-miżura kienet tinvolvi għajnuna mill-Istat. Fir-rigward tas-Slovenja, il-Miżura 2 tista' titqies kompatibbli skont il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar.

4.1. L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

4.1.1. **Riżorsi tal-Istat u imputabbiltà**

(53) Is-Slovenja tippreżenta li ma kellha l-ebda influwenza fiż-żieda fil-kapital azzjonarju ta' *Elan*.

(54) Hija tfakkar li sabiex jiġu kkunsidrati bħala għajnuna mill-Istat, il-miżuri għandhom ikunu mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat u li l-miżuri għandhom ikunu imputabbli lill-Istat. Taqbel li jekk Stat Membru jkollu influwenza dominanti fuq impriża, il-kundizzjoni ta' "riżorsi tal-Istat" tkun imwettqa. Madankollu, ma jistax jiġi awtomatikament preżunt jekk Stat Membru jkun f'pożizzjoni li jeżerċita influwenza dominanti fuq impriża, li hu effettivament eżerċita din l-influwenza f'kawża partikolari. F'dan il-kuntest, is-Slovenja tirreferi għas-sentenza ([10]) ta' *Stardust Marine* li stabbilixxiet sett ta' indikaturi biex jiġi ddeterminat jekk din l-influwenza ġietx effettivament eżerċitata mill-Istat f'kawża partikolari. Dawn l-indikaturi jinkludu l-integrazzjoni lejn l-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika, in-natura tal-attivitajiet ta' kumpanija u l-eżerċizzju ta' dawn tal-aħħar fis-suq f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni ma' operaturi privati, l-istatus legali tal-impriża, l-intensità tas-superviżjoni eżerċitata mill-awtoritajiet pubbliċi fuq il-maniġment tal-impriża. Is-Slovenja tirrimarka li għandha tingħata importanza xierqa lill-fatt jekk impriża ġietx stabbilita taħt il-liġi privata.

(55) F'dan il-kuntest, is-Slovenja tressaq argumenti għal kull entità involuta f'injezzjonijiet ta' kapital, kif ġej:

(56) *KAD* hija entità tal-liġi privata li topera fis-suq f'kundizzjonijiet kompetittivi. Għalkemm *KAD* hija kkontrollata mill-Istat, ma jistax jiġi konkluż fuq din il-bażi biss li r-rikapitalizzazzjonijiet taħt valutazzjoni huma imputabbli lill-Istat. Ma ntweriex involviment tal-Istat fir-rikapitalizzazzjonijiet għar-raġunijiet li ġejjin: L-azzjonijiet ta' *KAD* huma soġġetti għall-Att tal-Kumpaniji Sloven ("*ZGD-1, Zakon o gospodarskih družbah*"); ir-rimi tal-assi tagħha mhuwiex ristrett bil-liġi; *KAD* hija ffinanzjata esklussivament minn dividendi, imgħax u dħul ieħor iġġenerat minn investimenti u operazzjonijiet kummerċjali; u r-rikapitalizzazzjoni ta' *Elan* kienet deċiża mill-bord superviżorju, li huwa indipendenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu. Filwaqt li huwa minnu li *KAD* hija fdata mill-Istat bil-ġestjoni ta' fondi tal-pensjonijiet u l-konklużjoni tal-privatizzazzjonijiet ta' kumpaniji, l-interess pubbliku li jinsab f'dawn il-ħidmiet ma jistax jinfluwenza miżuri meħuda minn *KAD* b'mod li dawk l-azzjonijiet għandhom jitqiesu bħala imputabbli.

(57) *DSU* hija direttament proprjetà tal-Istat, iżda mhijiex iffinanzjata mill-Istat u għandha l-għan li timmassimizza l-valur tal-investimenti tagħha. Filwaqt li huwa minnu li *DSU* hija fdata mill-Istat bil-ġestjoni ta' fondi tal-pensjonijiet u l-konklużjoni tal-privatizzazzjonijiet ta' kumpaniji, l-interess pubbliku involut f'dawn il-ħidmiet ma jistax jinfluwenza miżuri meħuda minn *DSU* b'mod li dawk l-azzjonijiet għandhom jitqiesu bħala imputabbli lill-Istat.

(58) *Zavarovalnica Triglav* hija biss indirettament proprjetà tal-Istat u l-attivitajiet tagħha huma esklussivament ibbażati fuq is-suq. l-Istat m'għandu l-ebda influwenza diretta fuq l-operat tagħha. Huwa minnu li l-membri tal-bord superviżorju ta' *Zavarovalnica Triglav* huma eletti mill-azzjonisti tagħha; dawn huma però, eletti bħala individwi privati u l-ebda wieħed minnhom ma kellu l-ebda pożizzjoni fil-gvern jew l-amministrazzjoni Sloveni.

(59) *Triglav Naložbe* hija indirettament proprjetà tal-Istat permezz ta' *Zavarovalnica Triglav*. L-għan tagħha huwa li tiġġenera profitt. L-Istat m'għandu l-ebda influwenza diretta fuq l-operazzjonijiet ta' *Triglav Naložbe* u l-bord superviżorju tagħha jikkonsisti minn individwi privati indipendenti. Barra minn hekk, *Triglav Naložbe* ffinanzjat ir-rikapitalizzazzjoni permezz ta' self kummerċjali.

4.1.2. **Eżistenza ta' vantaġġ**

Miżura 1

(60) Skont is-Slovenja, il-Miżura 1 ma tatx vantaġġ lil *Elan* għar-raġunijiet li ġejjin: F'Diċembru 2005, *Elan* adottat il-pjan ta' żvilupp Strateġiku 2006-2010, inklużi pjanijiet ta' żvilupp dettaljati għas-sussidjarji ta' *Elan* f'dak iż-żmien. Il-pjan ta' żvilupp 2006-2010 ippreveda investimenti kemm fid-diviżjoni tal-isport tax-xitwa u kemm fid-diviżjoni tal-baħar. Biex timplimenta dawn l-investimenti, f'Mejju 2006, *Elan* ipproponiet lill-azzjonisti tagħha biex jiżdied il-kapital ta' *Elan* fis-snin 2006-2009 b'EUR 20,2 miljun. L-azzjonisti vvalutaw din il-proposta b'mod prudenti u *Elan* ipprovdiethom b'dokumenti li juru b'mod ċar li tali żieda fil-kapital tkun profittabbli għall-azzjonisti. KAD, l-azzjonist maġġoritarju ta' *Elan* għamlet l-evalwazzjoni tagħha stess taż-żieda fil-kapital proposta

([10]) Il-Kawża C-482/99 ir-Repubblika Franċiża/il-Kummissjoni (*Stardust Marine*) [2002] Ġabra I-4397.

f'Novembru 2006, filwaqt li kkonkludiet li ż-żieda fil-kapital tkun investiment għaqli. *Triglav Naložbe* rrevediet ukoll it-tbassir ta' *Elan* u qablet mal-injezzjoni tal-kapital fuq din il-bażi. Barra minn hekk, l-azzjonisti ta' *Elan* kienu jinħtieġu valutazzjoni indipendenti tal-grupp, kompitu li għalih […] ġiet magħżula (ara l-premessa (24)). Din il-valutazzjoni wriet li l-investimenti kienu meħtieġa, u li l-investiment jista' fi kwalunkwe każ jiġi rkuprat permezz ta' bejgħ ta' ishma b'valur ġust lil sieħeb strateġiku.

(61) Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, *Elan* u l-azzjonisti tagħha kkonkludew ittra ta' intenzjoni f'Jannar 2007, fejn qablu li l-azzjonisti jinjettaw EUR 10,225 miljun fl-impriża. Kif ukoll KD Kapital, l-unika azzjonist privat ta' *Elan* daħlet fl-ittra ta' intenzjoni mingħajr l-ebda kundizzjonijiet. Is-Slovenja tqis li din id-deċiżjoni ttieħdet mill-azzjonisti bil-għan li jkun jemm qligħ raġonevoli fuq il-kapital li investew u li huma għalhekk aġixxew f'konformità mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq.

(62) Rigward il-fatt li l-assemblea tal-azzjonisti ma qablitx formalment li tinjetta l-kapital qabel Ottubru 2007, is-Slovenja tispjega li d-dewmien kien minħabba tilwima bejn *KD Kapital* l-azzjonist minoritarju privat f'*Elan*, u *KAD* l-azzjonist maġġoritarju f'*Elan*. *KD Kapital* kien azzjonist b'50 % f'wieħed mill-kompetituri ta' *Elan* bl-isem ta' *Seaway group d.o.o*. *KD Kapital* kienet qed taħseb biex tinstalla rappreżentant tal-interessi tagħha fil-bord superviżorju ta' *Elan*, li l-azzjonisti l-oħra ma ridux jaċċettaw fid-dawl tal-parteċipazzjoni azzjonarja ta' KD Kapital f'kompetitur. It-tilwima ġiet riżolta meta KAD offriet lil *KD Kapital* opzjoni put. Wara din is-soluzzjoni, l-azzjonisti kollha ta' *Elan* inkluża *KD Kapital*, qablu formalment li jinjettaw EUR 10,225 miljun f'*Elan*.

Miżura 2

(63) Skont is-Slovenja, fil-bidu tal-2008, *Elan* kien qrib l-insolvenza. Il-bord superviżorju u l-azzjonisti rreaġixxew mill-ewwel billi ħatru membri ġodda lill-bord ta' ġestjoni ta' *Elan*, li bdew negozjati mal-banek ta' *Elan* dwar l-iskedar mill-ġdid tad-djun. Il-banek, madankollu, talab għal injezzjoni ta' kapital addizzjonali mill-azzjonisti. Fid-dawl ta' dan, *Elan*, flimkien mal-assistenza ta' konsulent estern, ippreparat strateġija ta' bidla f'Mejju 2008; F'Ġunju 2008, il-pjan fit-tul 2008-2012 kien imwaqqaf minn *Elan* u f'Awwissu 2008, il-maniġment ta' *Elan* adotta pjan ta' Riabilitazzjoni. Fil-11 ta' Lulju 2008, l-azzjonisti qablu li jiżdied il-kapital bil-kundizzjoni li l-banek l-ewwel jaqblu fuq skedar mill-ġdid tad-dejn fid-dawl ta' dawn id-dokumenti. Barra minn hekk, skont is-Slovenja, l-azzjonisti kkonsidraw il-valur tal-kumpanija, kif stabbilit minn valutazzjoni tal-ekwità ta' *Elan* minn kumpanija tal-awditjar indipendenti. ([11]) Skont din il-valutazzjoni, il-valur tas-suq ta' *Elan* sal-31 ta' Diċembru 2007 kien ta' EUR 38 059 000. Barra minn hekk, l-azzjonisti kkunsidraw kalkolu b'leħħa tal-valur ta' *Elan* datat l-1 ta' Lulju 2008. Fit-28 ta' Awwissu 2008, l-azzjonisti fl-aħħar iddeċidew li jinjettaw il-kapital mingħajr ftehim minn qabel mill-banek għal skedar mill-ġdid ta' dejn. Is-Slovenja targumenta li kieku sar mod ieħor, l-azzjonisti setgħu tilfu l-investiment kollu f'*Elan*. Fid-dawl ta' dak li ssemma hawn fuq, is-Slovenja tikkunsidra li l-azzjonisti ta' *Elan* aġixxew skont il-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq.

4.1.3. **Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ**

(64) Skont is-Slovenja, il-miżuri ma setgħux joħolqu distorsjoni fil-kompetizzjoni u ma kellhom l-ebda effett fuq il-kummerċ lanqas. L-ewwel nett, *Elan* kienet kompetitriċi għal operaturi ferm akbar fis-suq tas-ski fl-istess żmien meta ngħataw l-injezzjonijiet tal-kapital. It-tieni nett, il-kompetituri ta' *Elan* kienu jinħtieġu azzjoni mill-azzjonisti privati tagħhom biex jirkupraw minn telf fis-snin 2007-2008.

4.2. KOMPATIBBILTÀ

(65) Is-Slovenja biss tippreżenta argumenti ta' kompatibbiltà fir-rigward tal-Miżura 2. Hija targumenta li din il-Miżura kienet kompatibbli skont il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, peress li *Elan* ippreparat pjan ta' ristrutturar vijabbli, li jinkludi titjib fil-grupp prinċipalment minn miżuri interni.

([11]) […]

(66) Tabilħaqq, is-Slovenja targumenta li wara ż-żieda fil-kapital fl-2008, *Elan* eżerċitat il-pjanijiet tagħha kif mistħoqq u rnexxiela tiskeda mill-ġdid is-selfiet ta' terminu qasir tagħha. F'Jannar 2009, ġew adottati pjanijiet ta' senja u f'Ottubru 2009, *Elan* biegħet is-sussidjarji tagħha *Elan Yachting d.o.o.* u *Elan Marine Charter d.o.o.* F'April 2010, *Elan Brod d.o.o.*, misjuba f'Obrovac, il-Kroazja, inbiegħet. B'mod ġenerali, id-dħul minn dawn it-tneħħijiet ammontaw għal EUR [3,1-3,6] miljun. F'Mejju 2010, *Elan* kienet kapaċi tikseb finanzjament ġdid billi tidħol fi ftehim ta' self fit-tul mal-banek tagħha li jammonta għal EUR [21,5-25,5] miljun]. Is-self il-ġdid intuża biex jitħallas lura self preċedenti. Finalment, fl-1 ta' Ġunju 2010, *Elan Winter sport* u *Elan Marine* ġew magħqudin f'kumpanija ewlenija *Elan*. Is-Slovenja għandha wkoll allegat effett kumpensatorju tat-terminazzjoni tal-impriża konġunta tal-iski tal-Amerka ta' Fuq tagħha ma' Dal Bello Sports. […] il-partijiet fl-14 ta' Diċembru 2009 qablu li jtemmu l-ftehim tal-impriża konġunta tagħhom. Il-Ftehim ta' Distribuzzjoni Kanadiż ġie terminat mill-1 ta' Jannar 2010, il-Ftehim ta' Distribuzzjoni tal-Istati Uniti sussegwentement ġie terminat mill-1 ta' Jannar 2011.

5. **VALUTAZZJONI**

(67) Il-Kummissjoni teżamina jekk il-benefiċjarju rċeviex għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE (ara l-punt 5.2 hawn taħt), u jekk iva, jekk din l-għajnuna tkunx kompatibbli mas-suq intern (ara l-punt 5.3 hawn taħt). Biex dan isir, huwa meħtieġ li jiġi definit meta l-benefiċjarju potenzjali jitqies bħala kumpanija f'diffikultà (ara l-punt 5.1 hawn taħt).

5.1. KUMPANIJA F'DIFFIKULTÀ

(68) Skont il-Punt 10 tal-Linji Gwida tal-R&R, kumpanija tkun f'diffikultà jekk aktar minn nofs il-kapital tagħha jkun intilef tul it-12-il xahar preċedenti, jew jekk tilħaq il-kriterji biex tkun soġġetta għal proċeduri kollettivi ta' insolvenza taħt il-liġi nazzjonali. Kif konkluż ukoll mid-deċiżjoni tal-ftuħ, la sussidjarji u lanqas il-grupp kollu kemm hu ma ssodisfaw il-Punt 10 tal-Linji Gwida tal-R&R fl-2007.

(69) Skont il-Punt 11 tal-Linji Gwida tal-R&R, ditta xorta tista' titqies bħala waħda f'diffikultajiet, b'mod partikolari fejn il-karatteristiċi tas-soltu ta' impriża f'diffikultà huma preżenti, bħal-livell ta' telf dejjem jikber, it-tnaqqis fid-dħul, iż-żieda fl-inventarji tal-istokk, l-eċċess fil-kapaċità, it-tnaqqis fil-fluss tal-flus, iż-żieda fid-dejn, fil-piż tal-imgħax, kif ukoll it-tnaqqis jew it-telf totali tal-valur nett tal-assi.

(70) F'dan il-kuntest, għandu jiġi nnutat li fil-perjodu 2003-2006 id-dħul tal-grupp żdied minn EUR 109,2 miljun għal EUR 122,4 miljun. Barra minn hekk, bl-eċċezzjoni tas-sena 2004, il-grupp ta' *Elan* rreġistra qligħ nett matul dan il-perjodu. Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' *Elan* bdiet tiddeterjora matul is-sena 2007. Id-dħul tal-grupp fl-2007 naqas b'EUR 5 miljun għal EUR 117,5 miljun u niżel għal EUR 100 miljun fl- 2008. Fl-istess ħin ir-riżultat tal-grupp ta' *Elan* irriżulta negattiv fl-2007, billi waqa' minn EUR 0,6 miljun fl- 2006 għal EUR – 8,4 miljun fl-2007 u EUR – 12,7 miljun fl-2008.

Tabella 2

Indikaturi finanzjarji ewlenin għal *Elan group*

Ċifri f'eluf ta' EUR	2003	2004	2005	2006	2007	2008
Id-dħul nett mill-bejgħ	109 165	103.262	109.216	122.404	117.455	99.995
Spejjeż operattivi	114.280	108.310	113.244	127.689	132.919	117.197
Profitt/telf nett	3.480	– 9.430	3.996	596	– 8.432	– 12.695

(71) Dan jista' jiġi spjegat parzjalment bl-istaġun tax-xitwa moderat tal-2006-2007 (ix-xitwa "ħadra") li laqtet il-bejgħ tad-diviżjoni tal-isport tax-xitwa. Il-bejgħ ta' *Elan* Ski niżel minn EUR 48,1 miljun fl-2006 għal EUR 40,8 miljun fl-2007 u kompla naqas għal EUR 37,7 miljun fl-2008. Fl-istess ħin ir-riżultat ta' *Elan* Ski naqas minn EUR – 0,5 miljun fl-2006 għal EUR – 6,7 miljun fl-2007 u EUR – 13,0 miljun fl-2008.

Tabella 3

***Elan* Ski**

Ċifri f'eluf ta' EUR	2006	2007	2008
Id-dħul nett mill-bejgħ	48 113	40 852	37 662
Profitt/telf nett	– 472	– 6 674	– 12 971

(72) Id-diviżjoni tal-baħar ta' *Elan* żiedet id-dħul mill-bejgħ tagħha b'mod konsiderevoli fl-2007 minn EUR 31,8 miljun għal EUR 38,6 miljun, imma rreġistrat telf żgħir ta' EUR – 0,3 miljun. Madankollu, is-sitwazzjoni marret għall-aħar fl-2008, meta l-bejgħ waqa' b'terz minn EUR 38,6 miljun għal EUR 25,9 miljun u *Elan Marine* soffriet telf nett ta' EUR – 10,2 miljun.

Tabella 4

Elan Marine

Ċifri f'eluf ta' EUR	2006	2007	2008
Id-dħul nett mill-bejgħ	31 836	38 627	25 876
Profitt/telf nett	1 176	– 305	– 10 214

(73) Fid-dawl taċ-ċifri finanzjarji ppreżentati fit-tabelli minn 2 sa 4, huwa ċar li *Elan* ma kinitx tinsab f'diffikultà fil-bidu tas-sena 2007, meta ngħatat il-Miżura 1 (ara l-premessi (78) sa (85)).

(74) Madankollu, kif jidher mill-informazzjoni finanzjarja ta' hawn fuq, matul l-2007 is-sitwazzjoni finanzjarja ta' *Elan* bdiet tiddeterjora u saret serja ħafna fl-2008. Il-kumpanija kienet qed issofri dħul li kien qed jonqos u telf li kien qed jiżdied u kienet qed taffaċċja l-insolvenza kien fil-bidu tal-2008 (ara l-premessi (29)-(34) u l-premessa (63)). Jista' jiġi konkluż li *Elan* għandha titqies bħala impriża li kienet f'diffikultà skont il-linji gwida ta' salvataġġ u ristrutturar fiż-żmien tal-għoti tal-Miżura 2. Il-ftehim tal-azzjonisti ta' *Elan* biex titkompla l-injezzjoni ta' kapital kienet motivata mill-fatt li *Elan* kieku kienet tfalli (ara l-premessa minn (31) sa (33)).

5.2. L-EŻISTENZA TA' GĦAJNUNA MILL-ISTAT

(75) L-Artikolu 107(1) TFUE jistabbilixxi li kwalunkwe għajnuna mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi tal-Istat fi kwalunkwe forma, li tgħawweġ jew thedded li tgħawweġ il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri hija inkompatibbli mas-Suq Intern.

(76) Il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 107(1) TFUE huma kumulattivi u b'hekk biex miżura tikkwalifika bħala għajnuna mill-Istat għandhom jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha fl-istess ħin.

5.2.1. **L-injezzjoni ta' kapital fl-2007 (il-Miżura 1)**

(77) Is-Slovenja prinċipalment targumenta li l-Miżura 1 ngħatat skont il-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq u li għalhekk ma hemm l-ebda vantaġġ għall-benefiċjarju. Barra minn hekk, tippreżenta li f'kwalunkwe każ, l-injezzjoni ta' kapital ma kinitx imputabbli għall-Istat (ara l-premessi (53)-(63)).

Data tal-għotja

(78) L-ewwel nett, għandu jiġi ddeterminat meta eżattament l-Miżura 1 ingħatat lil *Elan*. Fil-prinċipju, miżura tal-Istat f'kull każ għandha tiġi kkunsidrata mogħtija malli l-Istat Membru jimpenja ruħu lilha, jiġifieri ladarba l-Istat

Membru huwa legalment obbligat li jipprovdi l-miżura. Kif deskritt hawn fuq (ara l-premessa (24)), l-azzjonisti ta' *Elan* u *Elan* iffirmaw ittra ta' intenzjoni fid-29 ta' Jannar 2007, iżda ż-żieda fil-kapital ma ġietx formalment ikkonfermata qabel l-assemblea tal-azzjonisti ta' *Elan* f'Ottubru 2007. Għalhekk għandu jiġi determinat jekk l-ittra ta' intenzjoni diġà tista' titqies li torbot fuq l-azzjonisti b'mod li jippermetti li jiġi konkluż li l-Miżura 1 tista' tiġi kkunsidrata bħala mogħtija fid-data meta ġiet iffirmata ittra ta' intenzjoni.

(79) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li, skont l-għarfien espert legali pprovdut mis-Slovenja, ([12]) il-liġi Slovena ma tirregolax speċifikament in-natura tal-ittra ta' intenzjoni. Din l-ittra ta' intenzjoni tista' tkun jew sempliċi reġistrazzjoni mhux vinkolanti ta' negozjati kurrenti, jew ftehim prekuntrattwali jew ftehim. In-natura legali ta' ittra ta' intenzjoni għandha tiġi stabbilita fuq bażi ta' kawża b'kawża, b'kunsiderazzjoni tal-formulazzjoni tal-ittra ta' intenzjoni, iċ-ċirkostanzi taħt liem kienet iffirmata u r-regoli ġenerali ta' interpretazzjoni skont il-liġi Slovena.

(80) Skont l-Artikolu 15 tal-Kodiċi Sloven tal-Obbligazzjonijiet ([13]), ftehim huwa vinkolanti meta l-partijiet jaqblu dwar l-elementi ewlenin tal-ftehim. B'mod partikolari, il-partijiet għall-ftehim għandhom jiġu speċifikati u kull ftehim għandu jkollu "causa".

(81) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tinnota li skont il-formulazzjoni tal-ittra ta' intenzjoni, il-partijiet għall-ftehim ma kienux speċifikati b'mod ċar; l-ammont totali taż-żieda tal-kapital kienet diġà stabbilita fl-ittra ta' intenzjoni (EUR 10,225 miljun); Ammont nominali massima ta' kapital ġdid maħruġa u l-prezz minimu għal kull kapital ġdid is-sehem kien stabbilit; Kull firmatarju azzjonist qablu li jipparteċipaw b'mod proporzjonali mal-ishma tagħha f'dak iż-żmien; l-għan tal-injezzjoni ta' kapital kien speċifikat (prinċipalment investimenti f'*Elan Winter sport* u *Elan Marine*) u ġie stabbilit mekkaniżmu ta' kontroll biex jiġi monitorat l-użu tal-kapital. Barra minn hekk, għandu jiġi kkunsidrat li l-ittra ta' intenzjoni ma kinitx biss magħmula bejn l-azzjonisti ta' *Elan*, iżda bejn l-azzjonisti u *Elan*. L-ewwel wieħed għandu jinjetta kapital f'*Elan*, filwaqt li tal-aħħar għandhom jirreġistraw l-ishma ġodda u jużaw l-injezzjoni tal-kapital bil-mod speċifikat fl-ittra ta' intenzjoni. Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tqis li l-partijiet qablu mal-elementi kollha ewlenin neċessarji sabiex jidħlu fi ftehim li jorbot.

(82) Barra minn hekk, il-kliem tal-ittra ta' intenzjoni jindikaw li l-partijiet daħlu fi ftehim li jorbot: l-azzjonisti u *Elan* "ikkonfermaw l-intenzjoni tagħhom li jżidu l-kapital"; l-azzjonisti "se jappoġġaw injezzjoni ta' kapital"; l-ishma l-ġodda "se jitħallsu f'kontanti".

(83) Barra minn hekk, immedjatament wara li ġiet iffirmata ittra ta' intenzjoni, *Elan* ikkonkludiet kuntratt għall-kunsinna ta' linja ta' produzzjoni ġdida, li tista' tiġi interpretata bħala indikazzjoni li *Elan* kienet qed tistenna l-azzjonisti jinjettaw il-kapital fil-kumpanija.

(84) Fl-aħħar nett, il-kompetenza legali mressqa mis-Slovenja tasal għall-konklużjoni li l-ittra ta' intenzjoni kellha effetti vinkolanti ladarba ġiet ffirmata, jiġifieri li l-azzjonisti kienu obbligati li jadottaw id-deċiżjoni biex jinjettaw il-kapital u li jħallsu l-kapital wara li kienet iitieħdet tali deċiżjoni. Skont din il-kompetenza, il-mistoqsija dwar jekk l-obbligu għall-vot għaż-żieda tal-kapital hux eżegwibbli għadha ma ġietx deċiża mill-qrati Sloveni; parti li tikser tali ftehim madankollu tkun normalment responsabbli għad-danni.

(85) Fid-dawl tal-argumenti ppreżentati hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li d-data tal-iffirmar tal-ittra ta' intenzjoni, li kienet id-29 ta' Jannar 2007, tista' titqies bħala d-data tal-għoti tal-Miżura 1.

Vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju

(86) Sabiex titqies bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun speċifika jew selettiva peress li tiffavorixxi biss ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti.

([12]) Magħmul mill-impriża legali Jadek&Pensa, www.jadek-pensa.si/en, datat is-16 ta' April 2012.
([13]) "Obligacijski zakonik", il-Gazzetta Uffiċjali tas-Slovenja 83/2001 bl-emendi.

B e n e f i ċ j a r j u t a l - ġ ħ a j n u n a

(87) L-Artikolu 107(1) TFUE jirreferi għall-kunċett ta' impriża fid-definizzjoni tal-benefiċjarju tal-għajnuna. Kif ikkonfermat mill-Unjoni tal-Qrati, impriża għall-finijiet ta' dik id-dispożizzjoni ma għandhiex għalfejn tkun entità legali waħda, iżda tista' tinkludi grupp ta' kumpaniji. ([14]) Il-kriterju ewlieni fid-determinazzjoni ta' jekk hemmx impriża skont it-tifsira ta' dik id-dispożizzjoni hija jekk hijiex involuta "unità ekonomika". Unità ekonomika tista' tkun magħmula minn għadd ta' persuni legali. Fil-kawża preżenti, *Elan* kienet l-entità legali li fiha ġie injettat il-kapital. Fiż-żmien tal-għoti, *Elan* kellha erba' sussidjarji, jiġifieri *Elan Winter sport*, *Elan Marine*, *Elan* Inventa d.o.o. u *Marine Nova* d.o.o. (ara l-premessa (6)). Wara l-injezzjoni ta' kapital, *Elan* ipprovdiet self mill-azzjonisti lil *Elan Winter sport* u *Elan Marine*. Dan is-self mill-azzjonisti kien aktar tard ikkonvertit f'ekwità fis-sussidjarji. Għandu għalhekk jiġi kkunsidrat jekk il-grupp bħala tali jew *Elan Winter sport* u *Elan Marine* biss rispettivament ibbenefikawx mill-injezzjoni ta' kapital.

(88) L-ewwel nett, f'termini ta' relazzjonijiet tas-sjieda, huwa nnutat li *Elan* kellha 100 % tal-ishma fiż-żewġ sussidjarji, jiġifieri *Elan Winter sport* u *Elan Marine*. *Elan* għalhekk tikkontrolla l-attivitajiet tan-negozju kollha ta' dawk is-sussidjarji.

(89) It-tieni nett, *Elan Winter sport* u *Elan Marine* wettqu l-attivitajiet ewlenin ta' *Elan* fiż-żmien tal-għoti, li kienu l-produzzjoni ta' skis u snowboards kif ukoll il-produzzjoni ta' jottijiet. Is-sussidjarji l-oħra jew ma kinux attivi fis-suq (*Marine Nova d.o.o.*) jew kienu attivi biex jappoġġaw l-attivitajiet ewlenin ta' *Elan* (*Elan* Inventa d.o.o.). Meta *Elan* ġie ristrutturat, *Elan Winter sport* u *Elan Marine* ġew amalgamati fil-kumpanija prinċipali *Elan*, element ieħor li jindika li l-grupp jista' jitqies bħala benefiċjarju.

(90) Fid-dawl ta' dawn l-argumenti stipulati hawn fuq huwa konkluż li l-grupp kollu ta' *Elan* għandu jitqies bħala benefiċjarju taż-żjieda fil-kapital. Bħala l-pass li jmiss, għandu jiġi vvalutat jekk il-miżura tagħtix vantaġġ lill-benefiċjarju.

V a n t a ġ ġ

(91) Jekk miżura tissodisfa r-rekwiżiti tal-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq, l-eżistenza ta' vantaġġ tista' tiġi eskluża. Skont il-każistika, investitur fis-suq jipprova jimmassimizza r-redditu fuq l-assi tiegħu skont iċ-ċirkustanzi u l-interessi tiegħu, anki fil-każ ta' investiment f'impriża li fiha diġà għandu parteċipazzjoni azzjonarja. ([15]) F'dan il-kawża, irid ikun evalwat jekk l-azzjonisti tal-benefiċjarju aġixxewx skont dan il-prinċipju, billi d-deċiżjoni ta' investiment tagħhom tiġi bbażata fuq informazzjoni *ex-ante* li ppermettiet li t-tranżazzjoni tagħmel sens ekonomiku.

(92) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tieħu nota taċ-ċirkostanzi li wasslu għall-injezzjoni ta' kapital u l-informazzjoni li fuqha kienet ibbażata d-deċiżjoni tal-azzjonisti. Kif deskritt hawn fuq, fiż-żmien tal-għotja, *Elan* ma kinitx kumpanija f'diffikultà fit-tifsira tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar (ara l-premessi (68) sa (73). Id-deċiżjoni li jiġi injettat kapital ġdid f'*Elan* ttieħdet abbażi ta' valutazzjoni tal-kumpanija mill-konsulenza indipendenti […] u diversi dokumenti oħra abbozzati minn *Elan* innifisha kif ukoll minn *KAD*, l-azzjonist maġġoritarju ta' *Elan*. L-analiżi dettaljata ta' *Elan* tal-effetti ta' żieda fil-kapital indikat li l-investimenti jwasslu għal profitt nett kumulattiv għad-diviżjoni tal-isport tax-xitwa ta' EUR 15,4 miljun matul il-perjodu 2006-2010, meta mqabbel ma' telf nett kumulattiv mingħajr iż-żieda fil-kapital ta' EUR 4,8 miljun. Barra minn hekk il-profitt nett kumulattiv tad-diviżjoni tal-baħar għall-perjodu 2006-2010 ikun ogħla kieku sseħħ iż-żieda fil-kapital (ara l-premessi minn (23) sa (24)).

(93) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa kkunsidrat li l-azzjonisti ta' *Elan* aġixxew f'konformità mal-prinċipju ta' investitur f'ekonomija tas-suq meta injettaw il-flus fil-kumpanija u li l-Miżura 1 għalhekk ma tagħtix vantaġġ lill-benefiċjarju. Billi l-preżenza ta' għajnuna mill-Istat diġà tista' tiġi eskluża fuq dik il-bażi, mhux evalwat jekk il-Miżura 1 hijiex imputabbli lill-Istat. Il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 1 ma kinitx tinvolvi għajnuna mill-Istat.

([14]) Ara QEĠ 323/82 *Intermills/Commission* [1984] Ġabra 3809, il-paragrafi. 11 et seq.
([15]) Il-Kawża T-228/99, *WestLB/Commission*, Ġabra 2003, II-435.

5.2.2. **L-injezzjoni ta' kapital fl-2008 (il-Miżura 2)**

(94) Fir-rigward tal-Miżura 2, is-Slovenja prinċipalment targumenta li l-Miżura 2 ngħatat skont il-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq u li għalhekk ma hemm l-ebda vantaġġ għall-benefiċjarju. Barra minn hekk, tippreżenta li f'kwalunkwe każ, l-injezzjoni ta' kapital ma kinitx imputabbli għall-Istat (ara l-premessi (53)-(63)). Fl-aħħar nett, tikkunsidra li l-miżura ma kellha l-ebda effett fuq il-kummerċ u li ma kien hemm l-ebda distorsjoni tal-kompetizzjoni (ara l-premessa (64)).

Riżorsi tal-Istat u imputabbiltà

(95) Sabiex titqies bħala għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, miżura għandha tingħata direttament jew indirettament minn riżorsi tal-Istat u għandha tkun imputabbli lill-Istat.

(96) Skont il-ġurisprudenza, ir-riżorsi ta' impriża għandhom jitqiesu riżorsi tal-Istat jekk l-Istat ikun jista', billi teżerċita influwenza dominanti tagħha fuq dawk l-impriżi, jidderieġi l-użu tar-riżorsi tagħhom. ([16])

(97) Madankollu, il-kapaċità tal-Istat li jikkontrolla l-entitajiet involuti fl-għoti tal-miżuri ma tiġġustifikax awtomatikament il-preżunzjoni li l-azzjonijiet tal-entitajiet huma imputabbli lill-Istat. Il-Qorti kompliet tispjega l-kunċett ta' imputabbiltà fi *Stardust Marine*. ([17]) Hi pprovdiet l-indikaturi li ġejjin biex tiġi stabbilita l-imputabbità: l-integrazzjoni tal-impriża pubblika fl-istrutturi tal-amministrazzjoni pubblika; in-natura tal-attivitajiet tagħha u l-eżerċizzju ta' dawn tal-aħħar fis-suq f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni ma' operaturi privati; l-istatus legali tal-impriża (fis-sens li tkun soġġetta għal-liġi pubblika jew il-liġi ordinarja tal-kumpaniji); l-intensità tas-superviżjoni eżerċitata mill-awtoritajiet pubbliċi fuq il-ġestjoni tal-impriża; kwalunkwe indikatur ieħor li juri, fil-kawża partikolari, involviment mill-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni ta' miżura jew l-improbabbiltà li ma jkunux involuti, fil-waqt li jikkunsidra wkoll fid-dawl tal-portata tiegħu, il-kontenut tiegħu jew il-kundizzjonijiet li hemm fih.

(98) Kif deskritt fil-premessa (54), is-Slovenja tirreferi għas-sentenza ta' *Stardust Marine* u targumenta li s-sjieda tagħha ta' *KAD* u *DSU* ma għandhiex timplika awtomatikament l-imputabbiltà tal-azzjonijiet tagħhom lill-Istat. Fir-rigward ta' *Triglav Naložbe* u *Zavarovalnica Triglav*, is-Slovenja tqis li dawn il-kumpaniji mhumiex ikkontrollati mill-Istat u li fi kwalunkwe każ, l-azzjonijiet tagħhom mhumiex imputabbli lill-Istat lanqas. Fil-kuntest ta' imputabbiltà, is-Slovenja partikolarment tirrimarka li l-azzjonisti kollha ta' *Elan* huma inkorporati taħt il-liġi privata, li permezz tagħha biss jiġi offrut livell sodisfaċenti ta' indipendenza ta' dawn il-kumpaniji mill-Istat.

(99) Bħala rimarka preliminari, il-Kummissjoni tenfasizza li l-fatt li kumpanija li hija proprjetà tal-Istat hija inkorporata taħt il-liġi privata waħedha mhix biżżejjed biex teskludi l-imputabbiltà tal-azzjonijiet tagħha lill-Istat. Ma għandha ssir l-ebda distinzjoni bejn kawżi fejn l-għajnuna tingħata direttament mill-Istat u kawżi fejn tingħata minn korpi pubbliċi jew privati stabbiliti jew maħtura mill-Istat sabiex jamministraw l-għajnuna. Barra minn hekk, kif deskritt hawn fuq, il-Qorti ddikjarat li hemm bosta indikaturi għall-imputabbiltà, li minnhom il-kwistjoni ta' jekk kumpanija hijiex suġġetta għal-liġi privata jew pubblika hija biss waħda (ara l-premessa (97)). Għalhekk, għandu jiġi eżaminat jekk hemmx fatti oħra li jindikaw li l-Miżura 2 hija imputabbli lill-Istat.

(100) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni tinnota li hemm bosta indikazzjonijiet li l-Istat kien b'mod attiv involut fid-deċiżjoni tal-azzjonisti li jinjettaw kapital addizzjonali fil-benefiċjarju. Għalkemm is-Slovenja laqgħet rapporti tal-midja li jindikaw ir-rwol tal-Istat li jsalva lil *Elan* bħala "għajdut" jew "riżultat ta' simplifikazzjoni eċċessiva", dawn ir-rapporti juru l-perċezzjoni pubblika dwar l-approċċ ta' politika industrijali tal-gvern f'dak iż-żmien. Kif spjegat aktar hawn taħt, il-perċezzjoni li l-Gvern Sloven segwa approċċ ta' politika industrijali attiva fiż-żmien in kwistjoni hija tabilħaqq sostnuta mir-rieżami tal-OECD tal-governanza korporattiva fis-Slovenja, li jenfasizza wkoll li kien adottat pjan ta' azzjoni għal riforma tal-governanza korporattiva fis-Slovenja mill-gvern biss. kważi sena wara

([16]) Il-Kawża C-482/99 ir-Repubblika Franċiża/il-Kummissjoni (*Stardust Marine*) [2002] Ġabra I-4397.
([17]) Il-Kawża C-482/99 ir-Repubblika Franċiża/il-Kummissjoni (*Stardust Marine*) [2002] Ġabra I-4397, il-paragrafi 50-59.

l-Miżura 2, jiġifieri f'nofs l-2009. ([18]) Għalhekk, f'Ġunju 2008 meta s-sitwazzjoni prekarja ta' *Elan* kienet evidenti għad-dinja ta' barra l-midja rrappurtat dwar l-appoġġ mill-Istat potenzjali lil *Elan*. Rivista sportiva Ġermaniża fis-6 ta' Ġunju 2008 kitbet li skont xiegħat il-Gvern kien qed jaħseb li jinjetta EUR 5,7 miljun f'*Elan* sabiex jikkumpensa għall-istaġun ħażin tax-xitwa li kien għadu kif għadda. ([19]) Il-midja Slovena ddiskutew ukoll is-sitwazzjoni ta' *Elan*, u billi enfasizzaw l-importanza ta' appoġġ mill-Istat biex jiġu salvati l-impjiegi. Pereżempju l-akbar televiżjoni kummerċjali (indipendenti) PopTv irrappurtaw fuq il-websajt tagħhom fis-26 ta' Ġunju 2008 li l-ġestjoni u l-bord superviżorju ta' *Elan* kienu qed ifittxu li s-soluzzjoni għad-diffikultajiet finanzjarji tal-kumpanija tiġi mill-Istat, filwaqt li indikaw li jekk l-Istat ma jgħinx b'injezzjoni finanzjarja, aktar minn 700 impjieg kien f'periklu. ([20])

(101) Kif diskuss f'aktar dettall hawn taħt, l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi jew l-improbabbiltà tagħhom li ma jkunux involuti huwa l-aktar ovvju fil-każ tal-akbar azzjonist ta' *Elan*, KAD (li kien jikkontrolla 57,61 % tal-ishma ta' *Elan* fiż-żmien tal-injezzjoni ta' kapital) u ta' DSU (li l-ishma tagħha kienu jammontaw għal 17,34 % tal-ishma ta' *Elan*). Anki l-konsulenza indipendenti […] ġibdet l-attenzjoni dwar l-importanza ta' kunsiderazzjonijiet politiċi għat-teħid tad-deċiżjonijiet ta' *KAD* u *DSU* fir-rapport ta' valutazzjoni tagħha tat-22 ta' Diċembru 2006. ([21]) Fil-kuntest ta' analiżi ta' privatizzazzjoni possibbli ta' *Elan* (f'dak iż-żmien magħrufa bħala *Skimar d.o.o.*), […] kkonkludiet li tnejn mis-sidien tagħha, *KAD* u *DSU*, kienu 100 % ikkontrollati mill-gvern u li konsegwentement kien hemm probabbiltà li d-deċiżjoni tagħhom li jbigħu tkun politikament kif ukoll ekonomikament motivata.

(102) Il-Kummissjoni tivverifika fuq il-livell ta' kull azzjonista jekk dan kienx ikkontrollat mill-Istat u jekk il-fondi użati għall-injezzjoni ta' kapital jistgħux jitqiesu bħala riżorsi mill-Istat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tiddetermina jekk id-deċiżjoni li jiġi injettat il-kapital f'*Elan* hijiex imputabbli lill-Istat. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari lill-kompożizzjoni tal-bord superviżorju ta' kull azzjonista u jekk il-bord superviżorju kellux jaqbel mal-injezzjoni ta' kapital f'*Elan* fl-2008. Il-Kummissjoni mbagħad teżamina elementi addizzjonali li jindikaw involviment mill-awtoritajiet pubbliċi jew l-improbabbiltà li ma jkunux involuti fl-adozzjoni tal-miżura

K A D

(103) Il-Kummissjoni tinnota li s-Slovenja kellha 100 % tal-ishma ta' *KAD*, l-azzjonist maġġoritarju ta' *Elan* fiż-żmien tal-għotja. Il-gvern Sloven ħatar il-membri kollha tal-assemblea ta' *KAD* kif ukoll il-bord superviżorju (ara premessa (11))). Skont l-artikli ta' assoċjazzjoni ta' *KAD*, dan tal-aħħar għandu japprova l-konklużjoni ta' tranżazzjoni li l-valur tagħha jeċċedi 1 % tal-kapital azzjonarju ta' *KAD*. L-injezzjoni ta' kapital taħt valutazzjoni kienet kwalifikata bħala tali tranżazzjoni, u l-bord superviżorju ta' *KAD* iddiskuta u qabel mal-injezzjoni ta' kapital f'*Elan* fil-134 laqgħa tiegħu fl-10 ta' Lulju 2008 u fil-135 laqgħa tiegħu f'Awwissu 2008. ([22])

(104) Billi s-Slovenja hija proprjetarja ta' *KAD*, wieħed jista' jassumi li hija f'pożizzjoni li tikkontrolla l-kumpanija u li fil-prinċipju, ir-riżorsi ta' *KAD* jistgħu jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat. Għall-kuntrarju tal-fehma tas-Slovenja, il-fatt li l-fondi użati għal injezzjoni ta' kapital joriġinaw minn dividendi, interessi u dħul ieħor ta' *KAD*, ma jbiddilx din il-konklużjoni. L-użu ta' dividendi, interessi jew dħul ieħor, li jista' minflok ikun ġie mħallas lill-Istat bħala azzjonist kontrollanti tal-kumpanija, huwa tnaqqis ta' riżorsi tal-Istat u għalhekk jista' jitqies l-użu ta' riżorsi tal-Istat. ([23])

(105) Dwar l-imputabbiltà tal-Miżura 2, il-Kummissjoni tqis li *KAD* ma kinitx tinjetta l-kapital fin-nuqqas tal-influwenza tal-awtoritajiet pubbliċi fuq fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha. L-influwenza Statali qawwija ma tistax tiġi derivata

([18]) Ir-rieżami tal-OECD: Il-Governanza Korporattiva fis-Slovenja, p. 9, 28/3/2011, fuq: http://www.oecd.org/document/58/0,3746,en_2649_34813_47492282_1_1_1_1,00.html

([19]) "Gerüchten zufolge will die Regierung für Verluste nach dem schlechten Winter Elan eine Finanzspritze von EUR 5,7 Mio Euro zukommen lassen." Sport Artikel Zeitung "SAZsport", datat id-9 ta' Ġunju 2008: "Zweiter Abgang an der Spitze".

([20]) https://24ur.com/novice/gospodarstvo/kriticne-razmere-v-elanu_comment_p1_a19.html?&page=1&p_all_items=19

([21]) […], A Valuation of the Skimar Group, 22 ta' Diċembru 2006, p. 28.

([22]) Ara l-minuti tal-laqgħa: "[…] jagħti l-kunsens tal-bord ta' ġestjoni billi jieħu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiġi protett u massimizzat il-valur tal-investiment ta' *KAD* fil-kumpanija Skimar, d.o.o., inkluża r-rikapitalizzazzjoni tal-kumpanija, proporzjonata mal-interess parteċipanti ta' Kapitalska družba, d.d. u Prvi pokojninski sklad RS (Fond tal-Ewwel Pensjoni), li b'kollox jammonta għal 57,606 % f'ammont massimu ta' EUR 5 761 000,00."

([23]) Fil-Kawża C-6/97 l-Italja/il-Kummissjoni [1999] Ġabra I-2981, il-premessa (22), l-Avukat Ġenerali argumenta li "il-kriterju deċisiv mhuwiex il-forma li jieħu l-intervent, lanqas ovvjament, in-natura ġuridika tiegħu jew l-għan li jfittex iżda r-riżultat għal liem iwassal. Kull intervent li jżid vantaġġ ekonomiku, akkumpanjat minn tnaqqis korrelattiv fir-riżorsi tal-Istat ... huwa fil-prinċipju għajnuna mill-Istat għall-iskopijiet tal-Artikolu [107] tat-Trattat".

biss mill-fatt li s-Slovenja kienet l-uniku azzjonist ta' *KAD* f'dak iż-żmien, li l-membri kollha tal-bord superviżorju tal-*KAD* ġew maħtura mis-Slovenja, u li l-bord superviżorju kellu jaqbel mat-tranżazzjoni. Indikatur addizzjonali tal-involviment mill-qrib tal-Istat fit-teħid tad-deċiżjonijiet tal-*KAD* huwa l-fatt li r-rappreżentanti tal-Gvern Sloven jipparteċipaw f'kull assemblea u laqgħa tal-bord superviżorju (ara l-premessa (45)).

(106) L-influwenza tal-gvern fuq it-teħid tad-deċiżjonijiet ta' *KAD* (u ta' fond ieħor ikkontrollat mill-Istat, il-fond ta' restituzzjoni *SOD*) sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika industrijali hija enfasizzata wkoll fir-rieżami tal-OECD tal-Governanza Korporattiva tal-OECD fis-Slovenja: "Iż-żewġ fondi pprovdew il-Gvern b'mekkaniżmu b'saħħtu sabiex jinfluwenza l-bordijiet u l-ġestjoni ta' kumpaniji privatizzati u, fl-aħħar mill-aħħar, biex ikollhom rwol attiv fid-determinazzjoni tat-tibdil ta' proprjetarji. Minn naħa dan jidher (għall-inqas inizjalment) li kien motivat minn xewqa biex jiġi mmaniġġat il-limitu sa fejn kumpaniji barranin kisbu kontroll fuq ditti domestiċi industriji importanti. Il-limitu ta' sjieda diretta u indiretta ppermettiet lill-gvernijiet tal-passat biex jeżerċitaw rwol sinifikanti ħafna, u kultant mhux trasparenti, fl-influwenzar tat-tħaddim tas-setturi kbar tal-intrapriżi kummerċjali tas-Slovenja u fis-suq għall-kontroll korporattiv." ([24])

(107) Id-dokument tal-gvern Sloven "Aġġustamenti Strutturali 2010 u 2011" ([25]) jenfasizza iktar ir-rwol li *KAD* u l-fond ta' restituzzjoni kkontrollata mill-Istat *SOD* kienu laqħbu billi sservew l-għanijiet ta' politika industrijali tas-Slovenja, pereżempju fl-għoti ta' assistenza lil *Elan*. Taħt l-Intestatura 2.1.1. "*Stabbiliment ta' aġenzija pubblika għall-governanza ta' intrapriżi tal-Istat u t-trasformazzjoni ta' KAD u SOD*" id-dokument jiddikjara: "Ristrutturar ifisser li KAD u SOD għandhom ikunu meħlusa mill-investimenti strateġiċi kollha: ... — investimenti ħżiena li saru strateġiċi minħabba li l-Istat jixtieq jipprovdilhom għajnuna biex jgħelbu d-diffikultajiet tagħhom (Mura, Elan)." Il-karatterizzazzjoni li l-investiment ta' *KAD* f'*Elan* kien sar strateġiku "minħabba li l-Istat jixtieq jipprovdi għajnuna" lil *Elan* hija f'kuntrast qawwi mal-asserzjoni tas-Slovenja li *KAD* kienet indipendenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħha (ara l-premessa (56)). Il-dokument tal-gvern ikompli jispjega li t-trasferiment ta' investimenti strateġiċi ħżiena mill-parastatali direttament lejn l-Istat kienet fuq kollox biċċa xogħol relatata mal-persunal u li l-kumpanija ta' ristrutturar *PDP*, stabbilita minn *KAD* u *SOD*, ġiet trasferita direttament lil sjieda tal-Istat minħabba li t-tim ma setax jibqa' parti minn *KAD* u *SOD*. ([26])

(108) Il-Kummissjoni stiednet lis-Slovenja biex tipprovdi kummenti dwar id-dokumenti msemmija hawn fuq. Is-Slovenja affermat li ma kien hemm l-ebda deċiżjoni tal-gvern rigward ir-rikapitalizzazzjoni ta' *Elan*. Is-Slovenja indikat li r-rieżami tal-OECD, li jiddeskrivi kif *KAD* u *SOD* ipprovdew lill-gvern b'mekkaniżmu b'saħħtu biex jinfluwenza l-bordijiet u l-ġestjoni ta' kumpaniji privatizzati, ma semmiex lil DSU, Zavarovalnica Triglav u Triglav Naložbe u li d-dokument tal-Gvern Sloven ma jsemmi l-ebda influwenza statali diretta jew indiretta fir-rigward tal-assi miżmuma minn Zavarovalnica Triglav jew Triglav Naložbe. Barra minn hekk, is-Slovenja tiġbed l-attenzjoni fuq passaġġ fir-rieżami tal-OECD li jsemmi li "n-nuqqas ta' koordinazzjoni ċentrali ħoloq diffikultajiet għall-ġestjoni effettiva tal-interessi tas-sjieda tal-Gvern". Din tkompli billi tispjega li KAD dejjem kienet taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru tal-Finanzi, mentri l-Ministeru tal-Ekonomija kien responsabbli għas-settur tal-manifattura, fejn tappartjeni Elan. Fir-rigward tad-dokument tal-gvern Sloven li jirreferi għal investimenti ħżiena li kienu jsiru strateġiċi, is-Slovenja tirrimarka li Mura, it-tieni eżempju ta' investimenti bħal dawn imsemmija fid-dokument apparti Elan, kien f'idejn il-proċeduri ta' falliment f'Ottubru 2009.

(109) Il-kummenti pprovduti mis-Slovenja ma jikkonfutawx l-argumenti stipulati hawn fuq li jindikaw l-involviment mill-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni tal-miżura jew l-improbabbiltà li ma jkunux involuti. Id-dikjarazzjoni li l-gvern ma kienx involut fid-deċiżjoni ta' rikapitalizzazzjoni hija biss affermazzjoni. Il-fatt li r-rieżami tal-OECD ma jsemmix b'mod speċifiku lil DSU, Zavarovalnica Triglav u Triglav Naložbe u li jitkellem dwar nuqqas ta' koordinazzjoni ċentrali ma jbiddilx l-istampa ġenerali mpinġija fir-rieżami tal-OECD, jiġifieri li l-gvern Sloven kien qed jintervjeni b'mod attiv fl-ekonomija u jsegwi skopijiet ta' politika industrijali. Fir-rigward ta' kumpaniji li mhumiex

([24]) Ir-rieżami tal-OECD: Il-Governanza Korporattiva fis-Slovenja, p. 9, 28/3/2011, fuq: http://www.oecd.org/document/58/0,3746,en_2649_34813_47492282_1_1_1_1,00.html

([25]) "Structural Adjustments 2010 and 2011", il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja, Ottubru 2009, p. 12, fuq: http://www.svrez.gov.si/fileadmin/svez.gov.si/pageuploads/docs/strukturne_prilagoditve/Structural_adjustmements_SLO_EN.pdf

([26]) "Structural Adjustments 2010 and 2011", il-Gvern tar-Repubblika tas-Slovenja, Ottubru 2009, p. 12, fuq: http://www.svrez.gov.si/fileadmin/svez.gov.si/pageuploads/docs/strukturne_prilagoditve/Structural_adjustmements_SLO_EN.pdf,

imsemmija b'mod speċifiku fir-rieżami tal-OECD u fid-dokument tal-gvern Sloven, Zavarovalnica Triglav u Triglav Naložbe, dettalji tal-kontroll eżerċitat mill-Istat huma mogħtija hawn taħt. Fl-istess ħin wieħed għandu jżomm f'moħħu li dawn il-kumpaniji kienu azzjonisti minoritarji li kellhom biss 25 % tal-isma ta' *Elan*. Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-dokument tal-gvern, il-fatt li kumpanija oħra f'diffikultajiet ikkunsidrat "investiment strateġiku" falliet hija rrilevanti għall-valutazzjoni tal-kawża preżenti.

(110) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa konklużż li l-injezzjoni ta' kapital ta' *KAD* fl-2008 f'*Elan* tikkonsisti minn riżorsi tal-Istat u hija imputabbli lis-Slovenja.

K A D - P P S

(111) Kif deskritt fil-premessa (12), *KAD* qed tmexxi lil *PPS* u tikkontrolla l-ishma tagħha. Għalhekk, il-parteċipazzjoni ta' *KAD-PPS* fl-injezzjoni ta' kapital għandha titqies bl-istess mod tal-parteċipazzjoni ta' *KAD*. Il-kunsens tal-bord superviżorju ta' *KAD* għall-injezzjoni ta' kapital fil-134 laqgħa tiegħu fl-10 ta' Lulju 2008 inkluda wkoll il-kunsens li jiġi injettat il-kapital f'isem *PPS*. ([27]) L-istess jgħodd għad-deċiżjoni meħuda matul il-135 laqgħa tal-bord superviżorju ta' *KAD* f'Awwissu 2008.

(112) Għalhekk, huwa konklużż li l-injezzjoni ta' kapital ta' *KAD-PPS* f'*Elan* fl-2008 tikkonsisti f'riżorsi tal-Istat u hija imputabbli lis-Slovenja.

D S U

(113) Il-Kummissjoni tinnota li *DSU* kienet 100 % direttament proprjetà tal-Istat fil-mument tal-għotja. Il-kunsill superviżorju tagħha jikkonsisti minn tliet membri tal-Kunsill, li tnejn minnhom huma magħżula minn azzjonist, jiġifieri s-Slovenja (ara l-premessa (13)). Fiż-żmien tal-injezzjonijiet ta' kapital, it-tielet membru wkoll kien inħatar mill-Istat. Skont l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni, il-kunsill superviżorju jadotta deċiżjonijiet b'maġġoranza ta' voti u qed jissorvelja l-ġestjoni tan-negozju ta' *DSU*. Il-kunsill superviżorju ta' *DSU* studja u approva l-injezzjoni ta' kapital f'*Elan* f'sessjoni straordinarja fil-11 ta' Lulju 2008 u emendata b'mod parzjali d-deċiżjoni tiegħu f'żewġ sessjonijiet straordinarji fis-26 ta' Awwissu 2008 u t-8 ta' Settembru 2008. ([28])

(114) Billi s-Slovenja hija proprjetarja ta' *DSU*, wieħed jista' jassumi li hija f'pożizzjoni li tikkontrolla l-kumpanija u li fil-prinċipju, ir-riżorsi ta' *DSU* jistgħu jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat. Għall-kuntrarju tas-Slovenja, il-fatt li l-fondi użati għall-injezzjoni ta' kapital joriġinaw minn dividendi, interessi u dħul ieħor ta' *DSU*, ma jbiddilx din il-konklużżjoni, kif spjegat fil-premessa (104).

(115) Dwar l-imputabbiltà tal-Miżura 2, għandu jkun ikkunsidrat li t-tliet membri kollha tal-kunsill superviżorju fiż-żmien tal-għotja kienu maħtura mis-Slovenja, l-uniku azzjonist ta' *DSU*, u li l-kunsill superviżorju kellu jaqbel mat-tranżazzjoni. Kif stabbilit hawn fuq, l-influwenza ta' konsiderazzjonijiet politiċi fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet ta' *DSU* hija rikonoxxuta fir-rapport ta' valutazzjoni […] tat-22 ta' Diċembru 2006. ([29]) Il-fatt li flimkien ma' *KAD* fl-2010 *DSU* ittrasferixxiet l-ishma ta' *Elan* tagħha lill-kumpanija azzjonarja *PDP* ukoll għandu jitqies fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet mogħtija hawn fuq dwar il-kwistjoni ta' kif il-gvern Sloven iddeċieda li jindirizza investimenti parastatali li kienu saru strateġiċi minħabba li l-Istat xtaq jipprovdilhom għajnuna biex jegħlbu d-diffikultajiet tagħhom. B'konnessjoni maċ-ċirkostanzi ġenerali l-oħra li jitkellmu favur l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni tal-miżura jew l-improbabbiltà tagħhom li ma jkunux involuti, il-Kummissjoni tqis li *DSU* ma kinitx tinjetta l-kapital fin-nuqqas tal-influwenza tal-awtoritajiet pubbliċi fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet tagħha.

(116) Għalhekk, huwa konklużż li l-injezzjoni ta' kapital ta' *DSU* fl-2008 f'*Elan* tikkonsisti minn riżorsi tal-Istat u hija imputabbli lis-Slovenja.

([27]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 22.
([28]) Ara l-minuti tal-laqgħa tat-8 ta' Settembru 2008: […].
([29]) […], A Valuation of the Skimar Group, 22 ta' Diċembru 2006, p. 28.

Zavarovalnica Triglav

(117) Zavarovalnica Triglav mhijiex direttament proprjetà tas-Slovenja. Il-Kummissjoni tosserva, madankollu, li s-Slovenja indirettament għandha s-sjieda ta' żewġ terzi ta' *Zavarovalnica Triglav* (ara l-premessa (14)). L-azzjonisti maġġoritarji tagħha huma *ZIPZ*, l-Istitut tal-Assigurazzjoni tal-Pensjoni u d-Diżabbiltà tas-Slovenja u *SOD*, korporazzjoni tal-indennizz. It-tnejn huma 100 % proprjetà tal-Istat. L-ebda wieħed mill-azzjonisti l-oħra ma għandu sehem ogħla minn 1,8 % f'*Zavarovalnica Triglav*.

(118) Ħamsa mit-tmien tal-membri tal-bord superviżorju ta' *Zavarovalnica Triglav*, inklużi l-president tagħha u viċi-president, jirrappreżentaw l-azzjonisti u huma maħtura minnhom. Kif deskritt fil-premessa (14), l-azzjonisti maġġoritarji ta' *Zavarovalnica Triglav* huma 100 % kumpaniji proprjetà tal-Istat. Għalhekk, huwa fil-prinċipju l-Istat li jaħtar dawn il-ħames membri tal-bord superviżorju u l-membri tal-bord superviżorju jirrappreżentaw l-interess tal-Istat. Il-Kummissjoni tosserva li kien il-bord ta' ġestjoni ta' *Zavarovalnica Triglav* li vvota favur iż-żieda fil-kapital fl-assemblea ġenerali ta' *Elan* fit-28 ta' Awwissu 2008, iżda għamel dan bil-kundizzjoni li l-bord superviżorju jagħti l-kunsens tiegħu għat-tranżazzjoni. Il-bord superviżorju aċċetta l-injezzjoni ta' kapital fl-4 ta' Settembru 2008. ([30])

(119) Billi s-Slovenja kienet indirettament proprjetarja ta' żewġ terzi tal-ishma f'*Zavarovalnica Triglav*, wieħed jista' jassumi li hija f'pożizzjoni li tikkontrolla l-kumpanija u li fil-prinċipju, ir-riżorsi ta' *Zavarovalnica Triglav* jistgħu jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat.

(120) Għandha tingħata attenzjoni għall-fatt li l-Istat jaħtar il-maġġoranza tal-Membri tal-bord superviżorju ta' *Zavarovalnica Triglav*, inkluż il-president u l-viċi president, u li l-bord superviżorju kellu jagħti l-kunsens tiegħu għall-injezzjoni ta' kapital.

(121) B'konnessjoni maċ-ċirkostanzi ġenerali l-oħra diskussi hawn fuq li jitkellmu b'mod ċar favur li l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni tal-miżura jew l-improbabbiltà tagħhom li ma jkunux involuti, il-miżura hija kkunsidrata imputabbli lis-Slovenja,

Triglav Naložbe

(122) *Triglav Naložbe* mhijiex direttament proprjetà tas-Slovenja. Il-Kummissjoni tosserva, madankollu, li s-Slovenja indirettament għandha s-sjieda tal-maġġoranza tal-ishma ta' *Triglav Naložbe*. Fiż-żmien tal-għotja tal-miżura, *Zavarovalnica Triglav* b'mod effettiv kellha l-proprjetà ta' 80 % tal-ishma ta' *Triglav Naložbe*. *Zavarovalnica Triglav* mbagħad hija indirettament fil-maġġoranza proprjetà tas-Slovenja (ara l-premessa (14)). Għalhekk, indirettament, is-Slovenja għandha aktar minn 51 % tal-ishma ta' *Triglav Naložbe*. L-ebda wieħed mill-azzjonisti l-oħra ma għandu sehem ogħla minn 0,67 % fil-kumpanija.

(123) It-tliet membri tal-bord superviżorju jirrappreżentaw l-azzjonisti interess u jiġu eletti minnhom. Billi l-Istat indirettament huwa l-azzjonist maġġoritarju fi *Triglav Naložbe*, wieħed irid iqis li l-Istat jista' jiddeċiedi min jiġi nnominat fil-bord superviżorju biex jirrappreżenta l-interess tas-Slovenja. Il-bord superviżorju ta' *Triglav Naložbe* kellu jaqbel mal-injezzjoni ta' kapital f'*Elan*, u għamel dan fis-seba' laqgħa straordinarja fit-3 ta' Settembru 2008. ([31])

(124) Billi s-Slovenja kienet indirettament proprjetarja tal-maġġoranza ta' *Triglav Naložbe*, wieħed jista' jassumi li hija f'pożizzjoni li tikkontrolla l-kumpanija u li fil-prinċipju, ir-riżorsi ta' *Triglav Naložbe* jistgħu jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat. Għall-kuntrarju tas-Slovenja, il-fatt li l-fondi użati għall-injezzjoni ta' kapital joriġinaw minn self ma jbiddilx din il-konklużjoni, kif spjegat fil-premessa (104).

([30]) Ara l-minuti tal-laqgħa datata l-4 ta' Settembru 2008 "Il-bord superviżorju jagħti l-kunsens tiegħu għall-parteċipazzjoni ta' *Zavarovalnica Triglav*, d.d., fiż-żieda fil-kapital ta' Skimar, d.o.o., fl-ammont ta' EUR 1 200 000,0 […]".

([31]) Ara l-minuti ta' din il-laqgħa: il-bord superviżorju studja r-rapport dwar l-investiment fi Skimar d.o.o. u r-riżoluzzjonijiet tal-aħħar laqgħa ġenerali fit-28 ta' Awwissu 2008 u jappoġġa l-bord ta' ġestjoni fil-parteċipazzjoni attiva tiegħu fil-proċess ta' rkupru tal-kumpanija u għalhekk anke r-rikapitalizzazzjoni meħtieġa b'valur totali ta' EUR 10 miljun, f'ishma proporzjonali […].

(125) Billi wieħed iżomm f'moħħu li l-Istat jaħtar il-membri kollha tal-bord superviżorju ta' *Triglav Naložbe* u li l-bord superviżorju kellu jagħti l-kunsens tiegħu għall-injezzjoni ta' kapital, f'konnessjoni maċ-ċirkostanzi ġenerali l-oħra diskussi hawn fuq li jitkellmu b'mod ċar favur l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi fl-adozzjoni tal-miżura jew l-improbabbiltà tagħhom li ma jkunux involuti, il-miżura hija kkunsidrata imputabbli lis-Slovenja

K o n k l u ż j o n i

(126) Il-kompożizzjoni tal-bordijiet superviżorji tal-azzjonisti ta' *Elan* u l-fatt li l-bordijiet superviżorji kellhom jaqblu mal-injezzjoni ta' kapital fl-2008 diġà jissuġġerixxi li l-miżura in kwistjoni hija imputabbli lill-Istat. ([32])

(127) Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha indikazzjonijiet qawwija — kif stabbilit hawn fuq — għall-involviment mill-qrib tal-Istat fit-teħid ta' deċiżjonijiet ta' *KAD* — bil-bosta l-aktar azzjonist importanti ta' *Elan* li kien jikkontrolla 57,61 % tal-kapital fiż-żmien tal-injezzjoni ta' kapital — u *DSU*. Dawn l-indikazzjonijiet ġejjin mir-rapport tal-OECD, ir-rapport ta' […], dokumenti ppubblikati mill-gvern Sloven, u rapporti tal-istampa.

(128) Barra minn hekk, il-komportament parallel tal-ħames azzjonisti ta' *Elan* li kienu kollha kkontrollati mill-Istat jagħti indikazzjoni tal-involviment tal-Istat fid-deċiżjoni tal-azzjonisti, peress li jidher improbabbli li ħames operaturi privati u indipendenti setgħu qablu li jinjettaw kapital f'kumpanija f'diffikultà fl-istess ħin u fl-istess kundizzjonijiet.

(129) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq huwa konklużi li l-Miżura 2 tikkonsisti minn riżorsi tal-Istat u hija imputabbli lis-Slovenja.

Vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju

(130) Sabiex titqies bħala għajnuna mill-Istat, miżura trid tkun speċifika jew selettiva minħabba li tiffavorixxi biss ċerti impriżi jew il-produzzjoni ta' ċerti oġġetti.

(131) Huwa meqjus li l-grupp kollu ta' *Elan* għandu jitqies bħala benefiċjarju taż-żieda fil-kapital fl-2008 għall-istess raġunijiet tal-Miżura 1 (ara premessi (87)-(90)). Bħala l-pass li jmiss, għandu jiġi vvalutat jekk il-miżura tagħtix vantaġġ lill-benefiċjarju.

(132) Jekk miżura tissodisfa r-rekwiżiti tal-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq, l-eżistenza ta' vantaġġ tista' tiġi eskluża. Kif deskritt hawn fuq, investitur fis-suq jipprova jimmassimizza r-redditu fuq l-assi tiegħu (ara l-premessa (91)).

(133) F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni l-ewwel tinnota li *Elan* kienet qed tiffaċċja diffikultajiet fit-tifsira tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar meta ngħatat il-Miżura 2 (ara l-premessa (74)). Barra minn hekk, skont is-Slovenja, *Elan* kienet qed taffaċċja l-insolvenza fil-bidu tal-2008, u kellha diskrepanza fil-likwidità ta' EUR [12,6-15 miljun].

(134) Is-Slovenja targumenta li l-azzjonisti ta' *Elan* ibbażaw id-deċiżjoni tagħhom li jinjettaw kapital addizzjonali fuq diversi dokumenti mhejjija minn *Elan* u konsulenti esterni, li juri li d-deċiżjoni kienet ġustifikata.

(135) Filwaqt li huwa minnu li *Elan* fassal pjan fit-tul 2008-2012 għall-grupp, għandu jiġi kkunsidrat li dan il-pjan ippreveda żieda fil-kapital ta' EUR 25 miljun bħala bażi biex jintlaħqu redditi adegwati fil-futur u l-azzjonisti ta' *Elan* kkunsidraw dan il-pjan fit-tul bħala mhux adegwat għat-twettiq ta' injezzjoni ta' kapital ta' dak l-ammont. Il-pjan ta' Riabilitazzjoni ta' Awwissu 2008 kien jikkonsisti prinċipalment minn previżjonijiet u ma pprovdiex informazzjoni dwar iż-żieda tal-kapital ippjanata. Kemm il-pjan fit-tul 2008-2012 u kemm il-pjan ta' Riabilitazzjoni kienu mwaqqfa minn *Elan*, mingħajr l-involviment ta' konsulent estern. Dokument ieħor ipprovdut

([32]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/948/KE tat-23 ta' Lulju 2008 dwar miżuri mill-Ġermanja biex jiġu assistiti DHL u Leipzig Halle Airport C 48/06 (qabel N 227/06) (ĠU L 326, 23.12.2008, p. 1), premessi (184)-(186), (226), (227); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar l-ajruport ta' Frankfurt Hahn — Għajnuna mill-Istat allegata lill-ajruport u l-ftehim ma' Ryanair, C 29/2008, (ĠU C 17.1.2009, p. 6), premessi (212)-(218).

mis-Slovenja f'dak li għandu x'jaqsam mat-tieni żieda fil-kapital kellu kalkolu b'leħħa tal-valur ta' *Elan*, imħejji minn KAD, datat Lulju 2008. Dan id-dokument, madankollu, ma jappoġġax l-argument tas-Slovenja li l-azzjonisti ta' *Elan* aġixxew bħal investituri prudenti, minħabba li skont dik l-istima, jekk l-obbligazzjonijiet potenzjali huma kkunsidrati *Elan* kellha ekwità negattiva b'valur li jammonta għal EUR [29,5-34] miljun f'Lulju 2008. Barra minn hekk, il-kalkoli b'leħħa jirrimarkaw li l-projezzjonijiet fil-pjan fit-tul 2008-2012 ta' *Elan* jistgħu jkunu ottimisti żżejjed fid-dawl ta' esperjenzi preċedenti, f'liema każ il-valur tal-kumpanija jkun aktar baxx.

(136) Is-Slovenja ressqet ukoll valutazzjoni ta' ekwità ta' *Elan* wara l-metodu tal-fluss tal-flus skontat. Din il-valutazzjoni tal-ekwità, imħejjija minn […] f'Ġunju 2008, ikkunsidrat li l-valur tas-suq ta' *Elan* fil-31 ta' Diċembru 2007 kien għadu pożittiv, li jammonta għal EUR [35-40] miljun. Madankollu, kif deskritt hawn fuq (ara l-premessi (70) sa (74)), is-sitwazzjoni ta' *Elan* marret għall-agħar drastikament matul is-sena 2008. Fid-dawl ta' dawn l-iżviluppi l-valutazzjoni tal-ekwità ta' hawn fuq għandha tkun ikkunsidrata skaduta fit-28 ta' Awwissu 2008 meta l-azzjonisti ta' *Elan* iddeċidew fuq l-injezzjoni ta' kapital u ma tistax toqgħod fuqha biex jintwera li l-azzjonisti ta' *Elan* aġixxew bħal investituri tas-suq prudenti, b'mod partikolari meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi tat-tieni injezzjoni ta' kapital.

(137) Kif deskritt fil-premessa (32), l-azzjonisti għamlu kull żieda fil-kapital kondizzjonali fuq ftehim minn qabel tal-banek biex jiskedaw mill-ġdid is-self eżistenti ta' Elan. Għalkemm tali ftehim ma setax jintlaħaq qabel iż-żieda fil-kapital, l-azzjonisti ta' *Elan* ipproċedew bl-injezzjoni ta' kapital minħabba li *Elan* kieku kienet tfalli.

(138) Kieku l-banek kienu qablu li jiskedaw mill-ġdid is-self qabel iż-żieda fil-kapital, dan seta' jkun sinjal li dawn jemmnu f'ritorn għall-vijabbiltà ta' *Elan*. Madankollu, dan ma kienx il-każ, u għall-kuntrarju, wieħed mill-banek anki talab għal ordni tal-qorti biex jiġi nfurzat id-dejn pendenti kontra *Elan*. Il-pożizzjoni tal-bank tista' tiġi kkunsidrata bħala sinjal li s-suq ma kienx jemmen fir-ritorn għall-vijabbiltà ta' *Elan*.

(139) Barra minn hekk, għandu wkoll ikun ikkunsidrat li sa mill-2007 l-azzjonisti kienu injettaw EUR 10,225 miljun f'*Elan*, mingħajr suċċess. Għandu jiġi ċċarat li, għalkemm l-injezzjoni ta' kapital tal-2007 kienet ibbażata fuq l-hekk imsejjaħ pjan ta' żvilupp strateġiku li taħtu *Elan* oriġinarjament kienet talbet għal investimenti ta' EUR 20,2 miljun, l-injezzjoni ta' kapital tal-2008 ta' EUR 10 miljun ma tistax titqies bħala tieni tranche tal-investiment skont il-pjan ta' żvilupp strateġiku oriġinali. L-injezzjoni ta' kapital tal-2008 kienet meħtieġa sabiex tkun evitata l-insolvenza billi jiġu koperti n-nuqqas ta' likwidità u t-telf mġarrba ta' *Elan*, il-kapital ma kienx iddedikati għall-għanijiet stipulati fil-pjan ta' żvilupp strateġiku (ara l-premessa (23)).

(140) Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tinnota li l-azzjonisti kollha fil-mument tal-għotja tal-miżura kienu proprjetà tal-Istat, jiġifieri li l-ebda azzjonist privat ma ħa sehem fiż-żieda fil-kapital.

(141) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 2 ma ngħatax skont il-prinċipju tal-investitur privat f'ekonomija tas-suq u tat vantaġġ lil *Elan*.

Distorsjoni tal-kompetizzjoni u l-effett fuq il-kummerċ

(142) Il-Kummissjoni tinnota li l-benefiċjarju jkun attiv fi swieq li huma miftuħa għall-kompetizzjoni. Kwalunkwe għotja Statali provduti lil tali impriża tista' tipprovdiha b'vantaġġ fuq kompetituri oħrajn li ma jibbenefikawx minn għotjiet bħal dawn. Għall-kuntrarju tas-Slovenja mhuwiex rilevanti f'dan il-kuntest jekk il-kompetituri ta' *Elan* kellhomx sehem akbar fis-suq minn *Elan* jew jekk dawk il-kompetituri rċevew ukoll fondi mill-azzjonisti tagħhom.

(143) Meta l-għajnuna mogħtija minn Stat Membru ssaħħaħ il-pożizzjoni ta' impriża meta mqabbla ma' impriżi oħra li jikkompetu f'kummerċ intra-UE, dawn tal-aħħar għandhom jitqiesu bħala affettwati minn dik l-għajnuna. ([33]) Hemm kummerċ bejn l-Istati Membri fit-tagħmir għall-iskijjar u l-opri tal-baħar, li huma l-oġġetti li l-benefiċjarju jimmanifattura u jikkummerċjalizza.

([33]) Ara, b'mod partikolari, il-Kawża 730/79 *Philip Morris v Commission* [1980] Ġabra 2671, para. 11; Il-Kawża C53/00 *Ferring* [2001] Ġabra I-9067, para. 21; Il-Kawża C-372/97 *Italy v Commission* [2004] Ġabra I-3679, il-paragrafu 44.

(144) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 2 tista' tgħawweġ il-kompetizzjoni u li jista' jkollha effett fuq il-kummerċ.

5.2.3. **Konklużjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat**

(145) Minħabba l-argumenti t'hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Miżura 2 tinvolvi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) TFUE lil *Elan*. Is-Slovenja ma rrispettatx l-obbligu stand-still skont l-Artikolu 108 (3) TFUE.

5.3. KOMPATIBILITÀ TAL-GĦAJNUNA

(146) L-Artikoli 107(2) u 107(3) TFUE jipprovdu għal eżenzjonijiet għar-regola ġenerali li l-għajnuna mill-Istat hija inkompatibbli mas-suq intern kif iddikjarat fl- Artikolu 107(1) TFUE.

(147) F'dan il-kuntest, għandu jiġi osservat li l-piż ta' prova tal-kompatibilità tal-għajnuna mas-Suq Intern, b'deroga mill-Artikolu 107(1) TFUE huwa merfugħ prinċipalment mill-Istat Membru kkonċernat, li għandu juri li l-kundizzjonijiet għal dik id-deroga huma sodisfatti. ([34])

(148) Il-Kummissjoni tevalwa l-kompatibilità tal-Miżura 2 taħt dawn l-eċċezzjonijiet. Peress li l-miżura inkwistjoni kienet mogħtija lil kumpanija f'diffikultà (ara l-punt 5.1 ta' hawn fuq), il-Kummissjoni l-ewwel tevalwa l-kompatibilità tal-miżura skont il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar. It-tieni, huwa kkunsidrat jekk il-miżura tistax titqies bħala kompatibbli fuq kwalunkwe bażi oħra.

5.3.1. **Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar**

(149) Skont il-Punt 33 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, kumpaniji f'diffikultà biss huma eliġibbli għall-għajnuna ta' salvataġġ u ta' ristrutturar. *Elan* hija eliġibbli, peress li tista' tiġi kkunsidrata li kienet kumpanija f'diffikultà fiż-żmien tat-tieni injezzjoni ta' kapital (ara l-premessa (74)).

(150) Skont il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, **għajnuna ta' salvataġġ** trid tissodisfa ċerti rekwiżiti, li mhux kollha huma sodisfatti mill-miżura in kwistjoni:

(a) L-ewwel nett, il-miżura ma ngħatax fil-forma ta' self jew garanzija, iżda bħala injezzjoni ta' kapital (il-Punt 25 (a) tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar).

(b) It-tieni nett, il-miżura ma ntemmitx fi żmien ta' mhux aktar minn sitt xhur wara t-trasferiment tal-ewwel pagament (il-Punt 25(a) Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar).

(c) It-tielet nett, is-Slovenja ma kkomunikatx fi żmien sitt xhur wara l-ewwel implimentazzjoni tal-miżura pjan ta' ristrutturazzjoni jew pjan ta' likwidazzjoni jew prova li l-garanzija kienet ġiet terminata (il-Punt 25(c) Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar).

(151) Għalhekk, l-injezzjonijiet ta' kapital inkwistjoni ma jistgħux jitqiesu bħala għajnuna ta' salvataġġ.

(152) Il-miżura ma tissodisfax ir-rekwiżiti kollha għal **għajnuna ta' ristrutturar** stabbiliti fil-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar lanqas, peress li l-ebda miżuri ta' kumpens li setaw ipattu għall-effett avvers tal-għajnuna fuq il-kundizzjonijiet tal-kummerċ ma ġew ipprovduti.

(153) Skont il-Punti minn 38 sa 42 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, ir-ristrutturazzjoni trid tkun akkumpanjata minn miżuri ta' kumpens fi proporzjon mal-effetti ta' tfixkil tal-għajnuna u, partikolarment, id-daqs u

([34]) Pereżempju l-Kawża T-68/03, *Olympiaki Aeroporia Ypiresies AE v Commission* [2007] Ġabra II-02911, il-paragrafi 34-37.

l-importanza relattiva tad-ditta benefiċjarja fis-suq tagħha. Il-Punt 40 tal-Linji Gwida jistipula li l-miżuri ta' kumpens għandhom b'mod partikolari jseħħu fis-suq/swieq fejn l-impriża ser ikollha pożizzjoni sinifikanti fis-suq wara r-ristrutturar. Is-Slovenja tistqarr li ċerti ċessjonijiet mwettqa minn *Elan* fl-2009 u l-2010 kellhom effett kumpensatorju.

(154) Fir-rigward tad-diviżjoni tal-isport tax-xitwa ta' Elan, is-Slovenja tiddeskrivi lil *Elan* bħala "waħda mill-aħħar ditti tat-tagħmir tal-isport tax-xitwa awtonomi" u tirreferi għaliha bħala "biss kompetitur dgħajjef [*sic*] għal parteċipanti ħafna akbar fis-suq." ([35]) Il-karatterizzazzjoni tal-aħħar mhijiex, madankollu, f'konformità mad-deskrizzjoni li l-azzjonist maġġoritarju attwali ta' *Elan* jagħti dwar id-ditta. *PDP* tirrimarka li fl-2010 *Elan* biegħet 448 000 pari skis u 217 000 snowboards, li *Elan* irrappreżentat 13 % tal-produzzjoni globali tal-iskis u li kienet is-seba' ditta globali tal-iskijar bis-sehem tas-suq tad-ditta tagħha li jammonta għal madwar 8 % tas-suq globali.

(155) Is-Slovenja ma tipproponi l-ebda definizzjoni speċifika tal-prodott jew suq/swieq ġeografiku/ċi, fejn hija attiva d-diviżjoni tal-isport tax-xitwa ta' *Elan*. Kif spjegat hawn taħt, billi titqies l-informazzjoni pprovduta mis-Slovenja u filwaqt li jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet fir-rigward tad-definizzjoni tas-suq minn prattika merger tal-passat, ([36]) għandu jiġi konkluż li Elan kellha ishma tas-suq konsiderevoli mill-inqas f'xi swieq rilevanti konċernati.

(156) Sabiex tiġi vvalutata l-importanza relattiva tal-kumpanija fis-swieq li fihom hija attiva, il-Kummissjoni eżaminat l-evidenza disponibbli, inklużi dokumenti strateġiċi mfassla minn *Elan* innifisha. Minbarra aċċessorji, Elan timmanifattura b'mod partikolari skis tal-alpi u snowboards. Minn naħa waħda dawn jinbiegħu bħala prodotti tad-ditta ta' *Elan* lil imnutanti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ bħala "s-suq tal-konsumaturi"); Min-naħa l-oħra Elan taġixxi bħala l-ħekk imsejjaħ manifattur ta' tagħmir oriġinali u tipprovdi skis u snowboards lil manifatturi (rivali) oħrajn (minn hawn 'il quddiem imsejħa bħala "is-suq tal-OEM"). Għandu jiġi nnotat li fil-Każ Nru COMP/M.3765 — AMER SALOMON il-Kummissjoni kkunsidrat f'Diċembru 2005 minħabba l-iskopijiet ta' dik id-deċiżjoni *inter alia* swieq ta' prodotti separati għal tipi differenti ta' tagħmir tal-isport tax-xitwa, inklużi swieq ta' prodotti rilevanti separati għall-iskis tal-alpi, għal snowboards u għas-suq tal-OEM għal skis tal-alpi. Is-swieq tal-bejgħ bl-imnut għat-tagħmir tal-isport tax-xitwa kienu kkunsidrati nazzjonali, mentri s-swieq tal-OEM kienu kkunsidrati mill-inqas wiesa' daqs iż-ŻEE fl-ambitu ta' applikazzjoni. ([37]) Fid-*Development Plan Elan Ski OEM 2006-2010* tagħha l-kumpanija tindika s-sehem tas-suq globali tagħha tal-produzzjoni OEM tal-iskis tal-2005 bħala 21 % u tispjega "[…]" Id-*Development Plan Elan Sportartikel 2006-2010* jindika li *Elan* ikkonsidrat lilha nnifisha bħala l-produttur ewlieni dinji ta' snowboards b'riżultat tal-produzzjoni ta' 268 000 fl-2005, li jilħaq sehem ta' 16 %. Il-maġġoranza l-kbira ta' dan ir-riżultat jikkonċerna n-negozju tal-OEM, filwaqt li 30 000 snowboard nbiegħet fl-2005 taħt id-ditta *Elan*. Fir-rigward ta' skis tad-ditta *Elan* id-*Development Plan Market and brand focused penetration strategy Elan Brand 2006-2010* jindika sehem mis-suq globali ta' 7,5 %, li jelenka lil *Elan* fin-nru 7 fir-rigward ta' sehem mis-suq. Madankollu, id-dokument jenfasizza li d-ditta kienet temmen li tista' tilħaq pożizzjoni taħt l-aqwa ħames ditti f'nofs it-terminu, billi jispjega li […].

(157) Peress li d-diviżjoni tal-isport tax-xitwa hija responsabbli għall-akbar parti bil-bosta tad-dħul ta' *Elan* u peress li l-pożizzjoni b'saħħitha ta' Elan dettaljata hawn fuq, tal-anqas f'ċerti setturi tan-negozju tal-isport tax-xitwa, kellhom jittieħdu miżuri kompensatorji b'mod partikolari f'dan il-qasam. Billi jiġu eżaminati l-elementi indikati mis-Slovenja bħala miżuri ta' kumpens meħuda fid-diviżjoni tal-isport tax-xitwa, l-unika ċessjoni kien il-bejgħ ta' sehem [17,5 % — 20 %] tal-kapital li *Elan* kellha fl-imsieħeb ta' Impriża Konġunta ta' distribuzzjoni tagħha *Dal Bello Sports* (minn hawn 'il quddiem msejjaħ bħala "Dal Bello") fl-Istati Uniti. Iċ-ċessjoni ta' *Elan* kienet il-konsegwenza tat-terminazzjoni tal-Impriża Konġunta ta' kummerċjalizzazzjoni u distribuzzjoni ma' *Dal Bello* fl-Amerika ta' Fuq. *Elan* targumenta li t-tmiem tal-kooperazzjoni wassal għal tnaqqis fil-bejgħ ta' *Elan* fil-Kanada u fl-Istati Uniti u f'dan tara "effett ta' kumpens".

(158) L-ewwel ħaġa li għandha tiġi nnotata hi li la pjan fit-tul 2008-2012 u lanqas il-Pjan ta' Riabilitazzjoni ma jsemmu l-bejgħ tal-ishma ta' *Dal Bello*, u għalhekk il-bejgħ ma jistax jiġi kkunsidrat bħala "parti integrali tar-ristrutturar", kif previst fil-Punt 40 tal-Linji Gwida għas-Salvataġġ u r-Ristrutturazzjoni. Tabilħaqq, eżami aktar mill-qrib tat-tranżazzjoni juri li l-kooperazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni u distribuzzjoni kienet terminata fuq inizjattiva ta'

([35]) Ittra ta' Jadek & Pensa f'isem Elan, datata t-2/12/2012.
([36]) Ara l-Każ Nru COMP/M.3765 — AMER SALOMON, fuq: http://ec.europa.eu/competition/mergers/cases/decisions/m3765_20051012_20212_en.pdf
([37]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 36.

Dal Bello. Is-Slovenja kkonċediet li "l-problemi ta' Elan fl-2008 u t-tiftix ta' Dal Bello għal imsieħeb aktar affidabbli fuq żmien twil wassal għal diskussjoni dwar it-terminazzjoni tal-kooperazzjoni li mill-bqija kienet ta' suċċess. Dawn id-diskussjonijiet irriżultaw fil-Ftehim ta' Terminazzjoni tal-Impriża Konġunta tal-14 ta' Diċembru 2009 …" Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq iċ-ċessjoni ta' *Elan* minħabba dawn ir-raġunijiet diġà ma tistax tiġi kkwalifikata bħala miżura ta' kumpens.

(159) Barra minn hekk, filwaqt li t-tnaqqis tal-bejgħ, wassal għal tnaqqis fis-sehem fis-suq tal-benefiċjarju, jista' f'ċirkostanzi oħra jikkostitwixxi miżura ta' kumpens, il-Kummissjoni tinnota li f'dan il-każ, it-tranżazzjoni tikkonċerna s-suq tal-bejgħ bl-imnut, li qabel kien jitqies nazzjonali mill-Kummissjoni, ([38]) u li l-bejgħ tal-iskis ta' *Elan* kien fi kwalunkwe każ imnaqqas biss fis-suq tal-Amerika ta' Fuq, iżda mhux fis-suq/swieq Ewropew/Ewropej u għalhekk ma jistax jikkumpensa għat-tfixkil maħluq fiż-ŻEE. Barra minn hekk, l-Impriża Konġunta kienet attiva fil-kummerċjalizzazzjoni u d-distribuzzjoni tal-iskis, u mhux fil-manifattura tagħhom. L-attività ċentrali ta' Elan hija, madankollu, il-manifattura tal-iskis u snowboards. Ċessjonijiet f'suq prinċipali tal-benefiċjarju biss jistgħu jitqiesu bħala miżuri ta' kumpens xierqa.

(160) Is-Slovenja argumentat ukoll li t-tnaqqis tal-impjegati attivi fil-produzzjoni tal-iskis u t-tnaqqis tal-investimenti kummerċjali tagħha jistgħu jitqiesu bħala miżuri ta' kumpens.

(161) Iżda, kif muri mill-Pjan Għal Perjodu ta' Żmien Twil ta' *Elan* u mill-Pjan ta' Riabilitazzjoni tagħha, dawn il-miżuri għandhom jitqiesu bħala miżuri ta' razzjonalizzazzjoni sempliċi bil-għan li jnaqqsu l-ispejjeż u jżidu l-effiċjenza sabiex terġa' tinkiseb il-vijabbiltà finanzjarja. Il-miżuri ma kinux meħuda sabiex titnaqqas il-preżenza ta' *Elan* fis-suq jew biex ipattu għal kwalunkwe tfixkil fil-kompetizzjoni li jirriżulta mill-għajnuna rċevuta minn *Elan*.

(162) Fis-settur marittimu, is-Slovenja targumenta li dawn iċ-ċessjonijiet li ġejjin kellhom effett kumpensatorju: Fl-2009 *Elan* biegħet żewġ kumpaniji involuti fil-kiri ta' jottijiet, *Elan Yachting d.o.o.* and *Elan Marine Charter d.o.o.* Fl-2010 *Elan Brod d.o.o.*, kumpanija li tinsab fil-Kroazja li kienet primarjament involuta fil-produzzjoni ta' dgħajjes bil-mutur, kienet mibjugħa. Is-Slovenja tafferma li l-kumpaniji ma kinux qed jagħmlu telf strutturalment, li attivitajiet ta' kiri mwettqa minn *Elan Yachting d.o.o.* u *Elan Marine Charter d.o.o.*kienu qed jappoġġaw il-penetrazzjoni tal-jottijiet ta' *Elan* fis-swieq ewlenin ta' *Elan* u li l-irtirar mis-segment tas-suq tad-dgħajjes bil-mutur naqqas sostjanzalment il-preżenza ta' *Elan* fis-suq tad-dgħajjes ta' divertiment u tal-isport.

(163) Il-Kummissjoni tfakkar li, skont il-Punt 40 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, il-miżuri ta' kumpens għandhom jittieħdu partikolarment fis-suq/swieq fejn l-impriża se jkollha pożizzjoni sinifikanti fis-suq wara r-ristrutturar. Talbiet għal thassir u għeluq tal-attivitajiet li jagħmlu t-telf li fi kwalunkwe każ ikunu meħtieġa biex terġa' tiġi stabbilita l-vijabbiltà mhumiex ikkunsidrati bħala tnaqqis tal-kapaċità għall-iskop tal-valutazzjoni dwar il-miżuri ta' kumpens.

(164) Wieħed irid iżomm f'moħħu li n-negozju tal-baħar ma jikkostitwixxix l-attività prinċipali ta' *Elan*. Il-kumpanija tiġġenera sehem akbar b'mod konsiderevoli tad-dħul tagħha fid-diviżjoni tal-isport tax-xitwa. Skont il-previżjoni finanzjarja għall-2011, id-dħul totali tad-diviżjoni tal-baħar kien mistenni li jilħaq biss EUR [20-24] miljun, meta mqabbel ma' EUR [58-68] miljun fid-diviżjoni tal-isport tax-xitwa. Barra minn hekk, id-diviżjoni tal-isport tax-xitwa rċeviet ukoll il-parti l-kbira (EUR 5,924 miljun) tal-injezzjoni ta' kapital ta' EUR 10 miljun f'*Elan*. Fid-dawl tal-Punt 40 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar jidher dubjuż kemm, jekk iċ-ċessjonijiet fid-diviżjoni tal-baħar jistgħu jitqiesu kollha bħala miżuri ta' kumpens xierqa peress li, kif ukoll aktar dettalljat hawn taħt, in-negozju tal-baħar mhuwiex l-istess suq fejn id-ditta għandha l-aktar pożizzjoni sinifikanti fis-suq wara r-ristrutturar.

(165) Sabiex tapprezza għal kollox l-argumenti ppreżentati mis-Slovenja, il-Kummissjoni madankollu, eżaminat sa liema punt is-Slovenja setgħet targumenta li ttieħdu miżuri ta' kumpens xierqa fin-negozju tal-baħar. Qabel ir-ristrutturar il-kapaċità massima tal-produzzjoni ta' *Elan* kienet ta' [280-330] dgħajjes bil-qlugħ u [45-55]dgħajjes bil-mutur. Is-Slovenja ma tipproponi l-ebda definizzjoni speċifika tal-prodott tal-baħar jew suq/swieq ġeografiku/ċi,

([38]) Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 36.

f'liema tkun tista' titqies l-importanza relattiva tagħha. Fis-sottomissjonijiet tagħha titkellem dwar tnaqqis tal-preżenza ta' *Elan* fis-"suq tad-dgħajjes ta' divertiment u tal-isports", u fl-istess ħin tirreferi għall-irtirar tagħha mis-"segment tas-suq tad-dgħajjes bil-mutur".

(166) Madankollu, l-analiżi tad-dokumenti disponibbli, inklużi dokumenti strateġiċi mfassla minn *Elan* innifisha, li jittrattaw il-pożizzjoni kompetittiva tad-diviżjoni tal-baħar ta' *Elan* tipprovdi aktar fehmiet fl-importanza relattiva tal-kumpanija dwar is-suq tal-baħar. Id-*Development Plan Elan Marine Division 2006-2010* iddikjara li s-suq dinji tad-dgħajjes ġodda kollha kien ta' madwar EUR 25 biljun, li minnhom 80 % kienu power boats u 20 % dgħajjes bil-qlugħ bl-istess proporzjon li japplika għall-Ewropa. *Elan* iddeskriviet is-suq bħala "frammentat ħafna" u poġġiet is-sehem tas-suq tal-UE tal-programm ta' tbaħħir tagħha fuq bejn wieħed u ieħor [0-5] %, tal-programm tagħha tad-dgħajjes bil-mutur ta' << 1 %. Il-Pjan ta' Żvilupp però, irrimarka lejn l-eżistenza ta' segments tas-suq differenti kkaratterizzati minn kundizzjonijiet kompetittivi, inklużi barrieri tad-dħul. *Il-Pjan fit-Tul ta' Elan tal-Grupp Skimar 2008-2012* ta' Ġunju 2008 ipprovda għal segmentazzjoni tas-suq tad-dgħajjes skont it-tul tad-dgħajsa u stqarr li l-kompetizzjoni kienet l-iktar ħarxa fis-segment tad-dgħajjes iż-żgħar (30 pied), mentri *Elan* timmanifattura u tbiegħ prodotti ta' kategorija medja ta' minn 30 sa 50 pied fit-tul u kienet qed tippjana li tiżviluppa mudelli ġodda […]. L-iktar stqarrija ċara dwar is-sehem tas-suq ta' *Elan* fis-segment fejn tara lilha nnisfisha tikkompeti tiġi minn preżentazzjoni tal-azzjonist maġġoritarju kurrenti ta' *Elan PDP* li tistqarr: "Fl-2010 *Elan*, f'segment tad-dgħajjes bil-qlugħ bejn 32 u 60 pied (li jirrappreżentaw 20 % tas-suq nawtiku) biegħet 122 dgħajsa, biex b'hekk ġabet sehem tas-suq ta' 5,2". Jidher plawżibbli li s-segmentazzjoni tas-suq tuża kriterji bħat-tip ta' saħħa (qlugħ, mutur) u d-daqs bħala punt tat-tluq. Fin-nuqqas ta' fehma opposta, għall-iskop ta' din id-deċiżjoni l-Kummissjoni tista' taċċetta l-valutazzjoni tal-*PDP* li *Elan* kellha sehem tas-suq ta' > 5 % fis-suq frammentat tad-dgħajjes tal-qlugħ.

(167) Skont dak li ntqal hawn fuq, anke kieku ċ-ċessjonijiet ta' *Elan* fid-diviżjoni tal-baħar setgħu jittieħdu in konsiderazzjoni għall-iskop tal-valutazzjoni ta' kompatibbiltà tal-Kummissjoni, ġewwa s-settur tal-baħar kwalunkwe miżuri ta' kumpens setgħu seħħew fil-manifattura tad-dgħajjes tal-qlugħ, li kienet b'mod ċar l-attività prinċipali tad-diviżjoni ta' *Elan* marine u fejn, kif diskuss, il-kumpanija kellha sehem mhux negliġibbli, skont *Elan*, "tas-suq frammentat sew". Iċ-ċessjoni tal-attivitajiet ta' kiri l-iktar li kienu qed jappoġġaw indirettament il-bejgħ tal-jottijiet ta' *Elan*, u ċ-ċessjoni tal-produzzjoni tad-dgħajjes tal-mutur, settur li *Elan* ħareġ minnu permezz tal-bejgħ ta' *Elan Brod d.o.o.* f'daqqa, u għalhekk mhux f'konformità mal-Punt 40 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar. Sa fejn jikkonċerna d-dgħajjes tal-mutur, *Elan* bdiet tipproduċi dgħajjes bħal dawn fis-sena 2002, bl-intenzjoni li tuża r-reputazzjoni miksuba fis-settur tad-dgħajjes tal-qlugħ għall-produzzjoni tad-dgħajjes tal-mutur ukoll. Madankollu, il-bejgħ kien l-iktar għoli b'50 dgħajsa tal-mutur fl-2006 u l-2007 u imbagħad naqas għal [25-29] fl-2008 u [7-9] dgħajjes biss fl-2009.

(168) Sottomissjonijiet mis-Slovenja jenfasizzaw ukoll il-fatt li l-azzjonisti ta' Elan u l-banek ikkonsidraw l-attivitajiet ċessati li huma attivitajiet mhux ewlenija. ([39]) Għandu jkun innotat ukoll li l-bejgħ tas-sussidjarji ta' *Elan* ma kienx ippjanat li jpatti għal tfixkil fil-kompetizzjoni. It-tliet sussidjarji kienu qed iġarrbu telf fiż-żmien tal-bejgħ kif ukoll fis-snin qabel il-bejgħ. Is-Slovenja informat lill-Kummissjoni li r-riżultat nett totali (magħqud) ta' *Elan Yachting d.o.o.* u *Elan Marine Charter d.o.o* kien EUR – 157 000 fl-2007, EUR – 100 000 fl-2008 u EUR – 57 000 fl-2009. Kif ukoll *Elan Brod d.o.o* irreġistrat telf waqt il-perjodu kollu, jiġifieri EUR -58 000 fis-sena 2006, EUR -436 000 fl-2007, EUR – 1 miljun fl-2008 u EUR – 1,5 miljun fl-2009. Fid-dawl ta' dawn in-numri l-istqarrija tas-Slovenja li l-kumpaniji ma kinux qed jagħmlu telf strutturalment tidher li hija biss dikjarazzjoni li tfittex l-interessi tagħha stess. Kif stipulat hawn fuq, skont il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar talbiet għal tħassir u għeluq tal-attivitajiet li jagħmlu t-telf li fi kwalunkwe każ ikunu meħtieġa biex terġa' tiġi stabbilita l-vijabbiltà mhumiex ikkunsidrati bħala tnaqqis tal-kapaċità għall-iskop tal-valutazzjoni dwar il-miżuri ta' kumpens. It-telf għoli rreġistrat minn tliet sussidjarji nawtiċi mibjugħa u t-tendenza 'l isfel kontinwa ta' *Elan Brod d.o.o.* iżda jenfasizzaw li ċ-ċessjonijiet kienu fi kwalunkwe każ neċessarji biex terġa' tiġi stabbilita l-vijabbiltà u jistgħu wkoll għal din ir-raġuni ma jkunux ikkonsidrati li jikkwalifikaw bħala miżuri ta' kumpens.

(169) Il-Kummissjoni b'hekk tikkonkludi li ċ-ċessjonijiet ta' *Elan* u t-tnaqqis ta' ħaddiema tagħha u tal-ispejjeż ta' kummerċjalizzazzjoni ma jistgħux ikunu kkwalifikati bħala miżuri ta' kumpens. Peress li ma ġewx implimentati l-ebda miżuri ta' kumpens, anke jekk jittieħed in konsiderazzjoni l-Punt 56 tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar, li

([39]) Ara s-sottomissjoni mis-Slovenja, datata 10 ta' Ottubru 2011, li tinkludi ittra minn *KAD*, li tirreferi għall-bejgħ ta' kumpaniji fid-diviżjoni tal-baħar "mhux ikkunsidrati bħal negozju prinċipali", jew ittra mill-impriża legali Jadek & Pensa, li taġixxi f'isem Elan, datata 26 ta' April 2012, li tispjega li l-banek jirrikjedu l-bejgħ ta' assi mhux ewlenija fil-Kroazja sabiex jidħlu fi ftehim ta' ffinanzjar mill-ġdid.

jistipula li l-kundizzjonijiet sabiex tiġi awtorizzata l-għajnuna jistgħu jkunu inqas stretti f'oqsma assistiti fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' miżuri ta' kumpens, il-Kummissjoni għandha tikkonkludi li r-rekwiżiti tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar mhumiex milħuqa fir-rigward tan-neċessità biex jiġu implimentati l-miżuri ta' kumpens xierqa. Peress li r-rekwiżiti għal għajnuna ta' ristrutturar kompatibbli stipulati fil-Linji Gwida huma kumulattivi, huwa biżżejjed li tiġi eskluża l-appikabbiltà tal-Linji Gwida jekk rekwiżit wieħed biss ma jkunx milħuq. Il-Kummissjoni għalhekk ma tivvalutax iktar jekk ir-rekwiżiti l-oħra jkunux intlaħqu. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, huwa konkluż li l-Miżura 2 ma tistax tkun ikkonsidrata kompatibbli skont il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar.

5.3.2. **Kompatibilità fuq bażi oħra**

(170) L-eżenzjonijiet fl-Artikolu 107(2) TFUE ma japplikawx fil-kawża preżenti għax din il-miżura ma għandhiex karattru soċjali, ma kinitx mogħtija lil konsumaturi individwali, mhix iddiżinjata biex tagħmel tajjeb għall-ħsara kkawżata minn diżastri naturali jew okkorrenzi eċċezzjonali u ma kinitx mogħtija lill-ekonomija ta' ċerti żoni tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja affettwata mid-diviżjoni tal-pajjiż.

(171) Aktar eżenzjonijiet huma stipulati fl-Artikolu 107(3) TFUE.

(172) L-Artikolu 107(3)(a) TFUE jiddikjara li "għajnuna maħsuba sabiex tippromwovi l-iżvilupp ekonomiku ta' reġjun fejn il-livell tal-għajxien huwa baxx b'mod anormali jew fejn ikun hemm stat serju ta' nuqqas ta' impjieg" tista' tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern. *Elan* tinsab f'reġjun eliġibbli għall-għajnuna taħt l-Artikolu 107(3)(a) TFUE. ([40]) Il-kompatibilità tal-għajnuna tal-Istat lil żoni assistiti hija rregolata mil-Linji Gwida għall-Għajnuna Reġjonali. ([41]) Taħt il-Linji Gwida għall-Għajnuna Reġjonali, għajnuna mill-Istat tista' fil-prinċipju tiġi mogħtija biss lil kumpaniji li mhumiex f'diffikultà. *Elan* però kienet f'diffikultajiet fiż-żmien tal-għotja tal-miżura (ara l-premessa (74)). Għalhekk, il-Miżura 2 ma tistax tkun ikkonsidrata bħala għajnuna regjonali kompatibbli.

(173) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajuna mhix eliġibbli għad-deroga stipulata fl-Artikolu 107(3)(a) TFUE.

(174) L-Artikolu 107(3)(b) TFUE jiddikjara li "għajnuna maħsuba sabiex tippromwovi l-eżekuzzjoni ta' proġetti fuq skala kbira ta' interess komuni Ewropew, jew sabiex tirrimedja taħwid serju fl-ekonomija ta' Stat Membru" tista' tkun iddikjarata kompatibbli mas-suq intern.

(175) Il-Kummissjoni tinnota li l-għajnuna in kwistjoni ma kinitx iddiżinjata sabiex tiġi promossal-eżekuzzjoni ta' proġett importanti ta' interess komuni Ewropew u l-Kummissjoni lanqas ma sabet evidenza li kienet iddiżinjata sabiex jiġi rimedjat tfixkil serju fl-ekonomija Slovena.

(176) Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-għajuna ma tikkwalifikax għad-deroga stipulata fl-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

(177) L-Artikolu 107(3)(d) TFUE jiddikjara li għajnuna sabiex tiġi promossal-kultura u l-preservazzjoni tal-patrimonju meta din l-għajnuna ma tolqotx il-kundizzjonijiet tal-kummerċ u tal-kompetizzjoni fl-Unjoni sa grad li jkun kuntrarju għall-interess komuni, Dan l-Artikolu ovvjament ma japplikax għall-kawża kurrenti.

(178) L-Artikolu 107(3)(c) TFUE jipprovdi għall-awtorizzazzjoni tal-għajnuna tal-Istat maħsuba sabiex tiffaċilita l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet jew ta' ċerti reġjuni ekonomiċi, basta dik l-għajnuna ma tfixkilx il-kondizzjonijiet tal-kummerċ sa grad li jkun kuntrarju għallinteress komuni. Il-Kummissjoni żviluppat numru ta' linji gwida u komunikazzjonijiet li jispjegaw kif se tapplika d-deroga li tinsab f'dan l-Artikolu. Peress li l-miżuri in kwistjoni kienu

([40]) Mappa tal-għajnuna reġjonali tas-Slovenja approvata mill-Kummissjoni fit-13 ta' Settembru 2006 u ppubblikata f'ĠU C 256, 24.10.2006, p. 6.
([41]) ĠU C 54, 4.3.2006, p. 13.

mogħtija lil kumpanija f'diffikultà, il-Kummissjoni evalwat biss il-kompatibilità tal-miżura taħt il-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar. L-ebda waħda mil-linji gwida u komunikazzjonijiet l-oħra hija applikabbli għall-miżura taħt valutazzjoni.

(179) Għalhekk, l-għajnuna taħt valutazzjoni tikkostitwixxi għajnuna tal-Istat inkompatibbli.

6. **IRKUPRU**

(180) Skont it-TFUE u l-każistika stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni hija kompetenti biex tiddeċiedi li l-Istat ikkonċernat irid ineħħi jew ibiddel l-għajnuna ([42]) meta tkun sabet li huwa inkompatibbli mas-suq intern. Il-Qorti żammet b'mod konsistenti li l-obbligu fuq Stat li jneħħi għajnuna meqjusa mill-Kummissjoni bħala inkompatibbli mas-suq intern huwa ddiżinjat biex jistabblixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni eżistenti minn qabel. ([43]) F'dan il-kuntest, il-Qorti stabbilixxiet li dan l-objettiv huwa milħuq ladarba r-riċevitur ikun ħallas lura l-ammonti mogħtija b'għajnuna llegali, biex b'hekk jitneħħed il-vantaġġ li kien gawda minnu fuq il-kompetituri tiegħu fis-suq, u s-sitwazzjoni qabel il-pagament tal-għajnuna tkun irkuprata. ([44])

(181) Wara l-każistika, l-Artikolu 14 tar-Regolament Proċedurali stipula li "*fejn jittieħdu deċiżjonijiet negattivi f'każijiet ta' għajnuna illegali, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi li l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jirkupra l-għajnuna mill-benefiċjarju.*"

(182) B'hekk, peress li l-miżura disponibbli għandha tiġi kkunsidrata bħala għajnuna llegali u inkompatibbli, l-għajnuna għandha tiġi rikoverata sabiex terga' tiġi stabbilita s-sitwazzjoni li kienet teżisti fuq is-suq qabel l-għotja tal-għajnuna. L-irkupru għalhekk ikopri ż-żmien minn meta seħħ il-vantaġġ lill-benefiċjarju, jiġifieri meta l-għajnuna tpoġġiet a dispożizzjoni tal-benefiċjarju sakemm isir irkupru effettiv u jġorr l-interessi ta' rkupru sakemm iseħħ irkupru effettiv.

(183) L-injezzjoni ta' kapital fl-2008 għandha bżonn tiġi rkuprata fit-totalità tagħha peress li d-deċiżjonijiet tal-ħames entitajiet kollha li qed jieħdu sehem fl-operazzjoni huma imputabbli lill-Istat. L-ammont totali tal-injezzjoni ta' kapital kien EUR 10 miljun, li EUR 5,924 miljun minnhom kienu injettati f'*Elan Winter sport* u EUR 4,076 miljun f'*Elan Marine*. Dawn iż-żewġ kumpaniji, f'Ġunju 2010 kienu madankollu, magħqudin fil-kumpanija ewlenija tagħhom *Elan*. Id-data minn meta għandhom jiġu kkalkulati l-interessi ta' rkupru hija d-data meta l-kapital kien effettivament impoġġi a dispożizzjoni tal-benefiċjarju, li kienet it-8 ta' Settembru 2008.

7. **KONKLUŻJONI**

(184) L-injezzjoni ta' kapital a favur ta' *Elan* deċiża f'Jannar 2007 (il-Miżura 1) ma tinvolvix għajnuna mill-Istat, peress li d-deċiżjoni tal-azzjonisti kienet konformi mal-prinċipju tal-investitur f'ekonomija tas-suq.

(185) L-injezzjoni ta' kapital a favur ta' *Elan* deċiża f'Awwissu 2008 (il-Miżura 2) tinvolvi għajnuna mill-Istat. L-għajnuna mill-Istat mhix kompatibbli mas-suq intern. Ma tilħaqx il-kriterji tal-Linji Gwida ta' Salvataġġ u Ristrutturar. L-ebda wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 107(2) u (3) TFUE ma jintlaħaq lanqas. Għalhekk, l-injezzjoni ta' kapital ta' EUR 10 miljun għandha tiġi rikoverata minn *Elan* flimkien mal-interessi ta' rkupru.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-injezzjoni ta' kapital ta' Jannar 2007 ma tikkostitwixxix għajnuna ġewwa t-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

([42]) Ara l-Kawża C-70/72 *Commission v Germany* [1973] Ġabra 00813, il-paragrafu 13.
([43]) Ara l-Kawżi Konġunti C-278/92, C-279/92 u C-280/92 *Spain v Commission* [1994] Ġabra I-4103, il-paragrafu 75.
([44]) Ara l-Kawża C-75/97 *Belgium v Commission* [1999] Ġabra I-030671, il-paragrafi 64-65.

Artikolu 2

Il-miżura ta' għajnuna mill-Istat favur ta' *Elan* fil-forma ta' żieda fil-kapital ta' EUR 10 miljun fl-2008 kienet illegalment imwettqa mis-Slovenja bi ksur tal-Artikolu 108(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u hija inkompatibbli mas-suq intern.

Artikolu 3

1. Is-Slovenja tirkupra l-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 mill-benefiċjarju *Elan*.

2. Is-somma li se tiġi rkuprata ġġorr l-interessi mid-data meta tpoġġiet għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarju (it-8 ta' Settembru 2008) sal-irkupru attwali tagħha.

3. L-interessi jkunu kkalkulati fuq bażi komposta skont il-Kapitolu V tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004 ([45]).

4. Is-Slovenja tikkanċella l-pagamenti pendenti kollha tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 b'effett mid-data ta' adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

1. L-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 ikun immedjat u effettiv.

2. Is-Slovenja tiżgura li din id-deċiżjoni tiġi implimentata sa erba' xhur wara d-data ta' notifika ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

1. Sa xahrejn wara n-notifika ta' din id-Deċiżjoni, is-Slovenja tissottometti l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) l-ammont totali (interessi prinċipali u rikoverati) li għandu jiġi rikoverat mill-benefiċjarju;

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri diġà meħuda u ppjanati li jkunu konformi ma' din id-Deċiżjoni;

(c) dokumenti li juru li l-benefiċjarju ġie ordnat iħallas lura l-għajnuna.

2. Is-Slovenja żżomm il-Kummissjoni informata dwar il-progress tal-miżuri nazzjonali meħuda biex jimplimentaw din id-Deċiżjoni sakemm l-irkupru tal-għajnuna msemmija fl-Artikolu 2 ikun komplut. Tissottometti mill-ewwel, wara sempliċi talba mill-Kummissjoni, informazzjoni dwar il-miżuri diġà meħuda u ppjanati li jkunu konformi ma' din id-Deċiżjoni. Tipprovdi wkoll informazzjoni dettaljata dwar l-ammonti ta' għajnuna u interessi ta' rkupru diġà rikoverati mill-benefiċjarju

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Slovena.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Settembru 2012.

Għall-Kummissjoni
Joaquín ALMUNIA
Viċi President

([45]) ĠU L 140, 30.4.2004, p. 1.